# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Ottubru, 2020**

**Numru 4**

**Rikors Numru 215/17TA**

**L-Avukat Dottor Joseph Camilleri, bħala mandatarju speċjali tal-kumpanija estera Expo-Mayor S.L. ta' Barcelona**

**vs**

**Pharmacare Premium Limited (C-45245)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-Soċjetà Spanjola Expo-Mayor S.L. ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2017 u maħluf fl-istess data minn Dr. Joseph Camilleri in rappreżentanza tal-istess Soċjeta' Attriċi li permezz tiegħu talbet is-segwenti:-

"1. Illi l-kumpanija rikorrenti hija soċjetà Spanjola illi tagħmel xogħlijiet ta' kostruzzjoni u *finishings* internazzjonalment;

2. Illi fis-sena 2011, l-esponenti ġiet inkarigata mis-soċjeta' intimata Pharmacare Premium Limited sabiex tagħmel xogħlijiet f'fabbrika li l-intimata għandha ġewwa Ħal Far, liema xogħlijiet kienu jikkonsistu fi tqegħid ta' *flooring* u *refurbishment* ta' partijiet mill-fabbrika ;

3. Illi mal-andament tax-xogħol, l-esponenti ħarġet it-tlett fatturi annessi illi jkopru l-valur ta' xogħlijiet li kienu laħqu saru minnha [hawn annessi bħala **Dok EM 1 sa 3**], iżda l-ammonti dovuti tħallsu biss in parte, b'dan illi fadal bilanċ totali ta' mija u tlettax-il elf, sitt mija u tlieta u erbgħin Euro u għoxrin ċenteżmu **[€ 113,643.20**] li għadu sallum dovut;

4. Illi r-rikorrenti ħallset ukoll bil-quddiem valur ta' materjal supplit u wżat fix-xogħlijiet; f'dan ir-rigward, sar pagament mir-rikorrenti lis-soċjeta' Coat System S.L. fl-ammont ta' € 36,336.30 [kif konfermat f'dikjarazzjoni hawn annessa bħala **EM 4**]; Ir-rikorrenti baqgħet ma tħallsitx lura mill-intimata l-ammont imsemmi;

5. Illi agħar minn hekk, nhar l-14 ta' Frar, 2012, mingħajr ebda forma ta' pre-avviż u/jew ebda raġuni valida fil-liġi, l-impjegati tar-rikorrenti illi kienu qed jaħdmu fil-lant tax-xogħol tal-intimata ġew imkeċċija mill-intimata kiesaħ u biered u ma tħallewx ikomplu bix-xogħol tagħhom;

6. Illi kif se jintwera fil-mori tal-kawża, bħala konsegwenza ta' dawn il-fatti, ir-rikorrenti spiċċat tilfet u qatt ma ħadet lura makkinarju illi hija kellha fil-lok tax-xogħlijiet; huwa stmat illi l-valur tal-makkinarju fis-sit kien jeċċedi l-ħamsa u erbgħin elf Euro [€ 45,000] [lista ta' makkinarju annessa bħala **Dok EM 5**];

7. Illi mill-2012 sallum kien hemm diversi komunikazzjonijiet mal-intimata, u kien hemm żmien meta l-intimata saħansitra offriet illi tħallas almenu parti mill-bilanċi dovuti jekk tingħata żmien raġjonveoli sabiex tagħmel dan;

8. Illi madanakollu, l-intimata baqgħet ma ħallset xejn mill-ammonti dovuti minnha, lanqas wara li r-rikorrenti bagħtet ittra legali [annessa bħala **Dok EM 6**] u intavolat mandat ta' sekwestru kawtelatorju (154/2017); Anzi, l-intimata qiegħda ssostni illi m'għandha tħallas xejn għaliex allegatament ix-xogħlijiet ma sarux skont is-sengħa u l-arti;

9. Illi għalhekk qiegħda ssir din il-kawża.

**GĦALDAQSTANT**, is-soċjeta' rikorrenti umilment titob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

(i) Tiddikjara li l-intimata Pharmacare Premium Limited hija debitriċi tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' mija u disgħa u erbgħin elf disa' mija u disgħa u sebgħin Euro u ħamsin ċentezmu **[€ 149,979.50]**, konsistenti in kwantu għal € 113,643.20 prezz ta' xogħlijiet li saru mir-rikorrenti fuq talba tal-intimata u € 36,336.30 f'valur ta' materjal imħallas lil terzi mir-rikorrenti;

(ii) Tikkundanna lill-intimata tħallas is-somma totali msemmija ta' mija u disgħa u erbgħin elf disa' mija u disgħa u sebgħin Euro u ħamsin ċentezmu [€ 149,979.50];

(iii) Tiddikjara illi l-intimata Pharmacare Premium Limited hija wkoll debitriċi f'somma ulterjuri illi tista' tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bin-nomina ta' periti, liema somma ulterjuri għandha tirrifletti l-valur ta' makkinarju illi r-rikorrenti tilfet minħabba inadempjenza tal-intimata;

(iv) Tikkundanna lill-intimata tħallas is-somma hekk likwidata, valur tal-imsemmi makkinarju;

Bl-ispejjez ġudizzjarji, inkluż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 154/2017 fl-istess ismijiet, u bl-imgħaxijiet legali bl-ogħla rata għal debiti kummerċjali skond il-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta, mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-intimata minn issa nġunta għas-subizzjoni u b'riserva għal kwalunkwe danni ulterjuri li jistgħu ikunu dovuti bħala konsegwenza tat-terminazzjoni bikrija tal-kuntratt."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjetá konvenuta ppreżentata fit-18 t'April 2017 u maħlufa fl-istess data minn Amin Farah u Hani Sarraf in rappreżentanza ta' l-istess soċjetá Konvenuta li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:-

1. "Illi fl-ewwel lok u preliminarjament l-attur noe ghandu jgib prova li gie debitament awtorizzat jintavola l-prezenti proceduri ghan-nom tas socjeta attrici;

2. Illi fit-tieni lok u ukoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta attrici ghandha iggib prova li hija ghada debitament topera u li ghandha s-setgha u l-personalita` legali mehtiega sabiex tistitwixxi dawn il-proceduri;

3. Illi fit-tielet lok u ukoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2149a; (dikjarazzjoni ai termini tal-artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hawn annessa u mmarkata bhala Dok PC001);

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta konvenuta teccepixxi li t-talbiet tal-attur noe huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ma jisthoqqilhomx li jigu milqugha stante li mhuwiex assolutament minnu li s-socjeta intimata f'xi mod ghandha taghti xi flus

lis-socjeta attrici ghal xoghlijiet li din ghamlet ghaliha u dan kif ser jigi ampjament ippruvat fil-mori ta' din il-kawza, b'dan illi fil-fatt hija s-socjeta konvenuta li garrbet id-danni minhabba l-agir tas-socjeta attrici li ma wettqitx xogholha skont is-sengha u l-arti u ghalhekk ikkawzat danni ngenti lis-socjeta konvenuta;

5. B'riserva ta' difizi ulterjuri;

**<u>Dikjarazzjoni tal-Fatti</u>**

6. Illi l-fatti kif esposti mis-socjeta attrici fid-dikjarazzjoni taghha qed jigu respinti u kkontestati sa fejn dawn ma jaqblux ma' dan li ser isegwi;

7. Illi s-socjeta intimata topera fis-settur tal-farmakologija u huwa minnu li qabbdet lis-socjeta attrici taghmillha xi xoghlijiet fil-fabbrika taghha f'Hal Far, liema xoghlijiet kienu jikkonsistu primarjament fit-tqeghid ta' flooring u ta' installazzjoni ta' partizjonijiet fil-fabbrika in kwistjoni;

8. Illi huwa minnu li ma' l-andament tax-xoghlijiet inhargu xi fatturi. Madankollu mhux l-fatturi kollha mehmuzin mar-rikors guramentat tal-atturi u mmarkati bhala Dok. EM1-EM4 gew prezentati lis-socjeta konvenuta qabel ma giet prezentata din il-kawza. Fil-fatt il-fatturi numru EM3 u EM4 ma kienu gew prezentati lill-konvenuti qabel ma saret din il-kawza;

9. Illi a kuntrarju ta' dak li qeghda tghid is-socjeta attrici, il-fatturi li gew debitament prezentati, senjatament il-fatturi numru EM1 u EM2 dejjem gew onorati sa fejn ix-xoghlijiet kienu qeghdin isiru sew, skont is-sengha u l-arti;

10. Illi fil-fatt is-socjeta konvenuta, kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, hallset sommom sostanzjali ghax-xoghlijiet li saru da parti tas-socjeta attrici, b'dan li meta l-kwalita tax-xoghlijiet bdiet tiddeterjora, kif jirrizulta mir-rapport tekniku redatt mis-societa CSV Life Sciences, hawn anness u mmarkat bhala Dok. PC002, huma ssospendew il-hlasijiet;

11. Illi f'dan il-waqt is-socjeta konvenuta ma baqghetx thallas il-fatturi li kienu gew prezentati lilha, b'dan li l-bilanc li kien baqa fuq il-fatturi prezentati sa dak il-hin kien relativament insinnifikanti, billi l-konvenuta gia kienet hallset is-somma ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin elf u seba' mija u zewg euro (€425,702.02) bill-bilanc li kien ghadu mhux imhallas billi kien dak ta' tmint elef disa' mija u tlieta u erbghin Euro u ghoxrin centezmu (€8,943.20), u interpellat lis-socjeta attrici sabiex tezegwi x-xoghlijiet taghha skont is-sengha u l-arti u tirrimedja ghax-xoghlijiet li ma kienux saru kif miftiehem u kif mehtieg;

12. Illi minkejja li gew debitament interpellati sabiex jirrimedjaw ghax-xoghol hazin li kien sar, l-atturi baqghu inadempjenti u ghaldaqstant l-konvenuti ma kellhomx triq ohra ghajr li jitterminaw il-kuntratt ta' l-

appalt li kellhom maghhom u filwaqt li kkonkludu dawk ix-xoghlijiet li setghu jikkonkludu huma stess a spejjez taghhom, kellhom iqabbdu kuntratturi ohra, senjatament lill-kumpanniji esteri Teco SRL u Nicomac Europe Srl, sabiex jikkompletaw x-xoghlijiet rimanenti skont is-sengha u l-arti;

13. Illi dan kollu kkawza danni ingenti lis-socjeta konvenuta li minbarra li garrbet certu spejjez hi stess biex tikkonkludi x-xoghlijiet kellha ukoll tqabbad kuntratturi godda, bil-konsegwenza li inkorriet hafna aktar spejjez sabiex ix-xoghlijiet isiru skont is-sengha u l-arti kif messhom saru mill-ewwel mis-socjeta attrici;

14. Illi s-socjeta konvenuta garrbet ukoll telf sostanzjali stante li barra minn dak gia espost, ma setghetx topera ghal zmien twil minhabba l-kontrattempi kkawzati minn nuqqas ta' adempjenza tas-socjeta attrici, bil-konsegwenza li s-socjeta konvenuta garrbet telf ekonomiku sostanzjali konsistenti fost l-ohrajn f'telf ta' produzzjoni u bejgh u konsegwentement qliegh;

15. Illi ghalhekk mhux talli it-talbiet ta' Expo-Mayor SL huma nfondati talli hija s-socjeta Pharmacare Premium Limited li ghandha dritt tigi risarcita d-danni ghat-telf li garrbet minhabba in-nuqqasijiet tas-socjeta attrici;

16. Illi huwa ukoll ghal kollox inveritier li s-socjeta konvenuta zammet ghandha xi makkinarju jew kwalsiasi oggett li jappartjeni lis-socjeta attrici, hekk kif dikjarat fis-sitt paragrafu tar-rikors guramentat u fid-dokument EM5 anness mar-rikors tas-socjeta attrici, billi l-makkinarju kollu li baqa' fis-sit tas-socjeta konvenuta gie debitament trasportat lis-socjeta attrici kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri;

17. Illi di piu` l-ammonti indikati fir-raba' paragrafu tar-rikors guramentat u tad-dokument EM4, huma ukoll kontestati stante li solitament dawn l-ammonti kienu jithallsu mis-socjeta konvenuta u s-socjeta attrici qatt ma giet prezentata b'din il-fattura, il-firmatarju Torres ma kienx direttur fid-data tal-ittra u dan minbarra l-fatt li dawn l-ammonti f'kull kaz ma jistghux jitqiesu dovuti mis-socjeta konvenuta stante li x-xoghlijiet ma sarux sew u ghalhekk xejn ma huwa dovut;

18. Illi barra minn hekk l-ammonti indikati fid-dokument huma ukoll kontestati stante li dawn jidher li jikkonsistu f'xoghlijiet addizjonali li f'kull kaz ghandhom per forza jigu awtorizzati mis-socjeta Konvenuta li zgur qatt ma awtorizzatom u li f'kull kaz din il-fattura qeghda tigi kkontestata bis-sahha fl-interieta taghha, bhal d'altronde t-talbiet kollha ghall-hlas ghall-kwalsiasi raguni da parti tas-socjeta attrici;

19. Illi l-esponenti jaf il-fatti fuq imsemmija di scientia propria;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, is-socjeta intimata Pharmacare Premium Limited titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-

talbiet attrici bhala nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u tiddikjara li s-socjeta intimata m'ghandha xejn xi thallas lir-rikorrenti, bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti;

B'dan li s-socjeta konvenuta ser tipprevali ruħha mid-dritt tal-kontrotalba skond kif awtorizzata mill-liġi kontra l-attur noe u dan kif isegwi din ir-risposta."

Rat li s-soċjetá konvenuta ipprevaliet ruħha mit-talbiet attriċi u ppreżentat kontro-talba fit-18 ta' April 2017 li permezz tagħha ssottomettiet is-segwenti talbiet rikonvenzjonali:-

1. "Illi s-socjeta Pharmacare Premium Limited ser tipprevali ruħha mid-dritt tal-kontrotalba skond kif awtorizzata mill-liġi kontra l-attur noe rikonvenjonat u dan kif isegwi;

2. Illi Pharmacare Premium Limited topera fis-settur tal-farmakologija u qabbdet lis-socjeta Expo-Mayor S.L. taghmillha xi xoghlijiet fil-fabbrika taghha f'Hal Far, liema xoghlijiet kienu jikkonsistu primarjament fit-tqeghid ta' flooring u ta' installazzjoni ta' partizjonijiet fil-fabbrika in kwistjoni;

3. Illi huwa minnu li ma' l-andament tax-xoghlijiet inhargu xi fatturi. Madankollu mhux l-fatturi kollha mehmuzin mar-rikors guramentat tal-atturi u mmarkati bhala Dok. EM1-EM4 gew prezentati lis-socjeta konvenuta qabel ma giet prezentata din il-kawza. Fil-fatt il-fatturi numru EM3 u EM4 ma kienu gew prezentati lill-konvenuti qabel ma saret din il-kawza;

4. Illi a kuntrarju ta' dak li qeghda tghid is-socjeta attrici, il-fatturi li gew debitament prezentati, senjatament il-fatturi numru EM1 u EM2 dejjem gew onorati sa fejn ix-xoghlijiet kienu qeghdin isiru sew, skont is-sengha u l-arti;

5. Illi fil-fatt is-socjeta konvenuta, kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, hallset sommom sostanzjali ghax-xoghlijiet li saru da parti tas-socjeta attrici, b'dan li meta l-kwalita tax-xoghlijiet bdiet tiddeterjora, kif jirrizulta mir-rapport tekniku redatt mis-societa CSV Life Sciences, hawn anness u mmarkat bhala Dok. PC002;

6. Illi f'dan il-waqt is-socjeta konvenuta ma baqghetx thallas il-fatturi li kienu gew prezentati lilha, b'dan li l-bilanc li kien baqa fuq il-fatturi prezentati sa dak il-hin kien relativament insinnifikanti, billi l-konvenuta gia kienet hallset is-somma ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin elf u seba' mija u zewg euro (€425,702.02) bill-bilanc li kien ghadu mhux imhallas

billi kien dak ta' tmint elef disa' mija u tlieta u erbghin Euro u ghoxrin centezmu (€8,943.20), u interpellat lis-socjeta attrici sabiex tezegwi x-xoghlijiet taghha skont is-sengha u l-arti u tirrimedja ghax-xoghlijiet li ma kienux saru kif miftiehem u kif mehtieg;

7. Illi minkejja li gew debitament interpellati sabiex jirrimedjaw ghax-xoghol hazin li kien sar, l-atturi baqghu inadempjenti u ghaldaqstant l-konvenuti ma kellhomx triq ohra ghajr li jitterminaw il-kuntratt ta' l-appalt li kellhom maghhom u filwaqt li kkonkludu dawk ix-xoghlijiet li setghu jikkonkludu huma stess a spejjez taghhom, kellhom iqabbdu kuntratturi ohra, senjatament lill-kumpanniji esteri Teco SRL u Nicomac Europe Srl, sabiex jikkompletaw x-xoghlijiet rimanenti skont is-sengha u l-arti;

8. Illi dan kollu kkawza danni ingenti lis-socjeta konvenuta li minbarra li garrbet certu spejjez hi stess biex tikkonkludi x-xoghlijiet kellha ukoll tqabbad kuntratturi godda, bil-konsegwenza li inkorriet hafna aktar spejjez sabiex ix-xoghlijiet isiru skont is-sengha u l-arti kif messhom saru mill-ewwel mis-socjeta attrici;

9. Illi s-socjeta konvenuta garrbet ukoll telf sostanzjali stante li barra minn dak gia espost, ma setghetx topera ghal zmien twil minhabba l-kontrattempi kkawzati minn nuqqas ta' adempjenza tas-socjeta attrici rikonvenjonata, bil-konsegwenza li s-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti garrbet telf ekonomiku sostanzjali konsistenti fost l-ohrajn f'telf ta' produzzjoni u bejgh u konsegwentement qliegh;

10. Illi ghalhekk mhux talli it-talbiet ta' Expo-Mayor SL huma nfondati talli hija s-socjeta Pharmacare Premium Limited li ghandha dritt tigi risarcita d-danni ghat-telf li garrbet minhabba in-nuqqasijiet tas-socjeta attrici;

11. Illi dawn il-fatti kollha huma maghrufa personalment mill-esponenti;

Jghid ghalhekk l-istess Avukat Dr. Joseph Camilleri, bhala mandatarju specjali tal-kumpanija estera Expo-Mayor S.L. ta' Barcelona, ghalhiex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi u previa kull dikjarazzjoni ohra li tista' tkun necessarja

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpanija estera Expo-Mayor S.L. ta' Barcelona ma adempjitx l-obbligi kuntrattwali taghha billi x-xoghlijiet li giet imqabbda li twettaq mis-socjeta Pharmacare Premium Limited ma twettqux minnha skont is-sengha u l-arti;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li minhabba dan l-agir tas-socjeta rikonvenjonata, is-socjeta Pharmacare Premium Limited garrbet id-danni u dahlet fi spejjez ingenti;

3. Tillikwida, okkorendo bin-nomina ta' periti tekniċi, d-danni u l-ispejjez hekk ikkawzati lill-Pharmacare Premium Limited;

4. Tikkundanna lis-socjeta estera Expo-Mayor S.L., thallas lill-Pharmacare Premium Limited, id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sal-effettiv pagament kontra Expo-Mayor S.L.li hija minn issa ngunta in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Attriċi għall-azzjoni rikonvenzjonali tas-soċjetá konvenuta datata 10 ta' Mejju 2017, li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. "Illi, safejn id-danni mitluba mhumiex ta' natura kuntrattwali, it-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanti huma preskritti bit-trapass ta' sentejn ai termini tal-Artiklu 2153 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Illi, safejn id-danni qed jintalbu abbażi ta' allegat ksur ta' kuntratt, irid jitqies it-terminu ta' garanzija mogħti mill-attriċi – illi f'dan il-każ kien terminu ta' sitt (6) xhur illi bdew mid-data tal-istallazzjoni, u ċjoe Diċembru, 2011 (ara **Dok CN 1**);

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ illi din il-Qorti jidhrilha illi għandha tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-esponenti, tapplika f'kull każ kuntrattwali ta' ħames snin ai termini tal-Artiklu 2156 tal-Kodiċi Ċivili;

4. Illi, fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attriċi rikonvenzjonata tiċħad kategorikament illi hija wettqet xogħol ħażin u mhux skont is-sengħa u l-arti;

5. Illi hija taf illi waqt l-andament tax-xogħlijiet, il-konvenuta rikonvenzjonanti Pharmacare Premium Limited kienet ilmentat minn ħsarat f'parti żgħira ħafna mill-*flooring* mqiegħed mill-esponenti. Madanakollu, l-entita' tal-allegati ħsarat kienet minima u kien jidher li ġie kkawżat minn aġir tal-konvenuta Pharmacare Premium Limited stess u mhux minn xi nuqqas min-naħa tal-esponenti;

6. Illi, fuq bażi mingħajr preġudizzju, l-esponenti kienet dak iż-żmien saħansitra offriet illi twettaq xogħlijiet rimedjali dment li tħallas il-bilanċi dak iż-żmien dovuti lilha. Madanakollu, il-konvenuta rrifjutat illi tagħmel tali ħlasijiet u kien biss għalhekk illi x-xogħlijiet rimedjali ma sarux;

7. Illi jidher illi l-konvenut użat dan il-fatt bħala pretest biex mhux biss ma tħallasx l-ammonti dovuti minnha iżda saħansitra sabiex, mingħajr ebda forma ta' pre-avviż, bla kliem u bla sliem tkeċċew l-impjegati tal-esponenti illi kienu qegħdin fuq il-lant tax-xogħol;

8. Illi għar-raġunijiet imsemmija l-esponenti ma hija responsabbli għal ebda ħlas ta' danni;

9. Illi, f'kull każ, il-konvenuti rikonvenzjonanti jeħtieġ li jindikaw u jippruvaw l-entità ta' "danni" li huma verament sofrew, jekk sofrew, u jeħtieġ illi jippruvaw in-ness bejn xi aġir jew nuqqas tal-eċċipjenti u d-danni hekk allegati;

10. Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mil-liġi.

Bl-ispejjeż."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Ġunju 2020 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Fis-sena 2011, is-soċjetá attriċi ġiet imqabbda tinstalla *flooring* u *clean room panels and ceiling* f'fabbrika ġewwa Ħal Far. Din il-fabbrika hija proprjetá mikrija lis-soċjetá intimata mil-Malta Industrial Parks ltd (MIP) (ara affidavit tad-direttur u azzjonist tas-soċjetá intimata Hani Sarraf a' fol 69 l-ewwel paragrafu, kif ukoll affidavit u xhieda tas-CEO tas-soċjeta' intimata Bassim Khoury Nasr a' fol 108 u 248 it-tieni faċċata). L-MIP issussidjat ix-xogħolijiet eżegwiti fl-imsemmija fabbrika (affidavit Camille Nasr a' fol 196

para 4, xhieda Pierre Paul Mangion a' fol 209 u xheida Perit Ray Vella a' fol 213).

**2.** Is-soċjetá attriċi ġiet imqabbda tagħmel dan ix-xogħol kemm mis-soċjetá Taljana Delta 2000 li kienet il-kuntrattur li rebħet it-tender maħruġ mil-MIP sabiex teżegwixxi dawn ix-xogħolijiet, kif ukoll direttament mis-soċjetá intimata stess, permezz ta' ftehim ta' appalt datat 26 ta' Settembru 2011 (a' fol 364) fil-każ tal-clean rooms u ftehim ta' appalt ieħor datat 6 ta' Diċembru 2011 (Dok CN 1 a' fol 54) fil-każ tal-flooring (ara affidavit tas-CEO tas-soċjetá intimata Bassim Khoury Nasr a' fol 108 u 109; affidavit tad-direttur u azzjonist tas-soċjetá attriċi Camille Nasr a' fol 194 l-ewwel żewġ paragrafi kif ukoll tal-General Manager tas-soċjetá intimata Amin Awwad a' fol 389 para 2 u 3; xhieda Perit tal-MIP Ray Vella a' fol 213).

**3.** Ta' min jgħid li d-diretturi taż-żewġ soċjetajiet f'din il-kawża (Camille Nasr għal Expo-Mayor u Bassim Khoury għal Pharmacare) huma qraba tar-rispett biż-żwieġ billi l-mara ta' Camille Nasr hija l-prima kuġina ta' Bassim Khoury (ara affidavit ara affidavit Bassim Khoury a' fol 108 u affidavit Camille Nasr a' fol 193 para 3). Ta min jgħid ukoll li din ma kienetx l-ewwel darba li s-Soċjetá attriċi tqabbdet mis-Soċjetá konvenuta sabiex twettaq xogħolijiet fl-istess fabbrika (ara affidavit Camille Nasr a' fol 193 l-aħħar para).

**4.** Is-Soċjetá Attriċi baqgħet teżegwixxi dawn ix-xogħolijiet sakemm, meta waslet fl-aħħar fażi tal-proġett, preċiżament wara li lestiet il-flooring u

kienet qed tlesti l-panel installation (ara affidavit ta' Camille Nasr a' fol 195 u kontro eżami tiegħu a' fol  para 1 u fol 238 D l-aħħar para u 238 D faċċata 2), ġiet imkeċċija mis-sit fl-14 ta' Frar 2012. Dan fuq diżgwit li nħoloq rigward ħlasijiet dovuti konsegwenza ta' diskrepanzi fil-qisien (ara affidavit u xhieda tas-CEO tas-soċjeta' intimata Bhassim Khoury a' fol 109, 250 u 253 faċċata 2; affidavit tad-direttur u azzjonist tas-soċjetá attriċi Camille Nasr a' fol 195 l-ewwel paragrafu; Doc CN4 a' fol 201, ix-xhieda ta' Pierre Paul Mangion ex-impjegat tas-Soċjetá konvenuta a' fol 207 mit-tieni faċċata et seq, xhieda Camille Nasr a' fol 238D it-tieni faċċata, ara e-mails markati BK 13 a' fol 375). Din it-tkeċċija saret b'mod ħesrem tant li s-Soċjetá Attriċi ma kellhiex ċans tiġbor il-makkinarju tagħha mis-sit inkwistjoni (ara affidavit tad-direttur u azzjonist tas-soċjetá attriċi Camille Nasr a' fol 195 it-tieni paragrafu; xhieda Pierre Paul Mangion a' fol 209 faċċata 2).

**5.** Is-Soċjeta' Attrici qegħdha għalhekk tagħmel din il-Kawża biex titħallas mingħand is-Soċjeta' Konvenut l-ammont ta' €113,643.20 rappresentanti xogħolijiet kollha li laħqet għamlet skont il-ftehim tas-26 ta' Settembru 2011 u l-ftehim tas-6 ta' Diċembru 2011. Is-soċjetá attriċi qed titlob ukoll ammont ieħor ta' €36,336.30 f'valur ta' materjal imħallas lil terzi rikorrenti. Ulterjorment, is-soċjetá attriċi qed titlob ukoll likwidazzjoni ta' valur ta' makkinarju illi tilfet minħabba inadempjenza tas-Soċjeta' konvenuta.

**6.** Minn naħa tagħha s-Soċjeta' Konvenuta rikonvenzjonanti qegħdha titlob likwidazzjoni ta' danni billi x-xogħoljiet magħmula mis-Soċjeta' Attriċi rikonvenzjonata ma sarux skont l-arti u s-sengħa.

__**Punti ta' Liġi**__

**7.** Mill-fatti nkontestati senjalati supra joħroġ li l-kuntratt tal-appalt fuq il-flooring datat 6 ta' Diċembru 2011 ġie terminat b'att unilaterali tas-Soċjetá Konvenuta qua s-Soċjetá appaltanti. Dan l-aġir jaqa' fit-termini tal-artikolu 1640(1) tal-Kap. 16. Kif ġie diversi drabi mtenni, "*bil-fakolta lilu koncessa mill-istess ligi fis-subinciz (1) ghall-imsemmi Artikolu 1640, u b' inizzjattiva proprja tieghu, il-kommittent jista' unilateralment jirrecedi ad nutum, u fi kwalunkwe mument, mill-appalt. Dan sahansitra anke minghajr ma joffri l-ebda raguni jew gustifikazzjoni.*" (**Sapienza sive Sopie Spiteri et vs Anthony Galea**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 12 ta' Mejju 2004)**.

**8.** Kif tajjeb osservat il-**Qorti Ċivili Prim' Awla fil-kawża Peter Montebello et vs Grezzju Azzopardi et datata 29 ta' Settembru 2009**, "*l-liġi trid li min jagħti x-xogħol jista' jagħżel li jħoll il-kuntratt meta jrid, imqar jekk ix-xogħol ikun inbeda diġa' (Art. 1640(1) tal-Kap 16). Din l-għażla jkollha effett minnufih malli jingħata avviż lill-appaltatur, ikun kif ikun imqar bil-fomm (Art. 1640(5) tal-Kap 16). __Madankollu, f'każ bħal dan, tgħodd ħafna r-raġuni għaliex il-kommittent jagħmel għażla bħal din__: jekk ikollu raġuni tajba biex itemm l-appalt, il-kommittent għandu xorta waħda jħallas lill-appaltatur somma li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li jkun nefaq l-*

*appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jitieħdu b'qies l-utitlita' li dak ix-xogħol mitmum ikun għall-kommittent u d-danni li jkun ġarrab il-kommittent minħabba r-raġuni li għaliha jkun qatagħha li jtemm l-appalt (Art. 1640(3) tal-Kap 16). Jekk, min-naħa l-oħra, il-kommittent ma jkollux raġuni tajba għaliex ikun temm l-appalt, huwa jkun irid iħallas lill-appaltatur somma li ma taqbiżx l-ispejjeż kollha li dan ikun nefaq u l-valur tax-xogħol mogħti, flimkien ma' somma oħra meqjusa mill-Qorti bħala dik li ma tkunx ogħla minn kemm kien ikun il-qligħ tal-appaltatur mill-appalt li kieku tħalla jagħmlu kollu (Art. 1640(2) tal-Kap. 16)*".

**9.** Applikati dawn il-prinċipji legali, l-Qorti tifhem li bl-azzjoni odjerna s-Soċjetá Attriċi appaltatriċi użufruwit mid-dritt mogħti lilha taħt l-artikolu 1640(2) u talbet għal ħlas ta' bilanċ għax-xogħolijiet li kienu laħqu saru minnha fuq inkarigu tas-soċjetá konvenuta abbazi ta' kuntratt ta' appalt sa fejn jirrigwarda s-servizzi li rrendiet. Is-Soċjetá Attriċi ma talbietx ukoll għal somma ekwiparabbli għall-qliegħ li setgħet għamlet kieku tħalliet tkompli bl-appalt. Isegwi li s-soċjetá attriċi ddeċidiet ma tużufruwix ruħha minn dan id-dritt ulterjuri mogħti fl-istess sub-inċiż 2 tal-artikolu 1640.

**10.** F'dan ir-rigward, is-Soċjetá Attriċi qed titlob ħlas ta' bilanċ ta' kreditu dovut skont tlett fatturi markati Dok EM1 sa EM 3 (a' fol 7, 8 u 9). L-istess Soċjeta' Attriċi qegħdha titlob ukoll il-ħlas ta' valur ta' materjal supplit u wżat fix-xogħolijiet skont dikjarazzjoni datata 12 ta' Awwissu 2013 maħruġa mis-soċjetá Coat System SL markata Dok EM 4 (a' fol 10) li ukoll huwa mertu

tal-kuntratt. Is-Soċjeta' Attriċi qegħdha ukoll titlob il-ħlas tal-makkinarju li tħalla fil-fabbrika tas-Soċjeta' konvenuta skont il-valur indikat (ara dok EM5 a' fol 11). Għalkemm konnessa mal-mertu, dan huwa punt ta' mertu patrimonjali.

**11.** Min-naħa l-oħra fil-kontro-talba mressqa minnha, s-Soċjetá ntimata rikonvenjenti qed tfittex lis-Soċjetá Attriċi rikonvenuta għar-riżarċiment tad-danni derivanti minn inadempjenza kontrattwali minħabba x-xogħolijiet esegwiti mis-Soċjeta' Attriċi rikonvenzjonata fuq il-flooring ai termini tal-ftehim datat 6 ta' Diċembru 2011 ma sarux skont l-arti u s-sengħa skont kif titlob il-liġi. Din l-inadempjenza kontrattwali tas-Soċjetá Attriċi ġiet sollevata wkoll mis-Soċjetá konvenuta bħala eċċezzjoni fil-mertu fir-risposta ġuramentata tagħha (ara eċċezzjoni numru 4 a' fol 24).

**12.** Huma tlieta r-rimedji disponibbli lis-Soċjetá Konvenuta *qua* appaltanti fil-konfront tas-Soċjetá Attriċi *qua* appaltatriċi allegatament inadempjenti: ir-rimedju kontemplat fil-Liġi b'mod specifiku għall-appalt taħt is-sub-inċiż 3 tal-imsemmi Artikolu 1640 tal-Kap.16, jew alternattivament, ir-rimedji ġenerali kontemplati fil-Liġi għall-inadempjenza kontrattwali taħt l-Artikolu 1069 jew l-Artikolu 1127 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**13.** Kif osservat il-**Qorti Ċivili Prim' Awla fil-kawża Ignazia Degabriele vs George Calleja et tat-30 ta' Ġunju 2004**, "*Hu maghruf illi fil-kaz ta' inadempiment tal-kuntratt ta' appalt, inkluz f' dan it-terminu n-nuqqas ta' ezekuzzjoni tajba tax-xoghlijiet, ma huwiex eskluz l-applikazzjoni tal-*

*principji generali fil-kaz ta' inadempjenza kontrattwali.* ***<u>Dawn, infatti, jibqghu applikabbli meta ma jirrikorrux il-presupposti tad-disposizzjonijiet specjali, senjatament ir-rizoluzzjoni u l-hall tal-kuntratt, ex-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili.</u>*** *Hekk allura r-responsabilita ta' l-appaltatur tibqa' tissussisti fejn dan per ezempju jonqos li jikkompleta l-opra affidata lilu jew f' kaz ta' dewmien fl-ezekuzzjoni jew ikun naqas mill-obbligazzjoni tieghu li jezegwixxi u jikkonsenja l-opra appaltata skond ir-regoli ta' l-arti u s-sengha, u x-xoghlijiet jirrizultaw karenti u difettuzi. F' cirkostanzi bhal dawn l-kommittent ghandu d-dritt, ex-Artikolu 1069 (1) tal-Kapitolu 16, li jaghzel li jgieghel lill-appaltatur jezegwixxi in forma specifika l-appalt u jaghmel ix-xoghlijiet rimedjali, kif ukoll li jinsisti ghad-danni [Artikolu 1069 (2) Kodici Civili];".*

**14.** Dan it-tagħlim ġurisprudenzjali huwa ukoll konformi ma' dak li ġie deċiż mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (**1 ta' Marzu 1995, Numru 2346; Roberto Triola "Codice Civile Annotato con la Giurisprudenza", Tieni Edizzjoni, 2002**), "*nel contratto di appalto, il committente, che lamenti difformita` o difetti dell' opera, puo` richiedere che la difformita` o i difetti siano eliminabili a spese dell' appaltatore mediante condanna da esiguirsi nelle forme previste dall' art 2931 codice civile* (korrispondenti għall-Artikolu 1127 tal-Kodiċi Ċivili tagħna) *oppure che il prezzo sia ridotto e, in aggunta o in alternativa, che gli venga risarcito il danno derivante dalle difformita` o dai vizi. Tale domanda risarcitoria non si identifica con quella diretta all' attribuzione del risarcimento per equivalente che il committente*

*proponga in subordine alla mancata esecuzione specifica della condanna all' eliminazione delle difformita` o dei vizi: la prima, infatti, che postila la colpa dell' appaltatore, e` utilizzabile per il ristoro del pregiudizio che non sia eliminabile mediante un nuovo intervenuto dell' appaltatore (come nel caso di danni a persone o a cose, o di spese di rifacimento che il committente abbia provveduto di fare eseguire direttamente); la seconda, che prescinde dalla colpa dell' appaltatore tenuto comunque alla garanzia, tende a conseguire un 'minus' rispetto alla reintegrazione in forma specifica, della quale rappresenta il sostitutivo legale, mediante la prestazione della 'eadem res debita', sicche deve ritenersi ricompresa, anche se non esplicitata, nella domanda di eliminazione delle difformita` o dei vizi."* ( ara ukoll **Kollez. Vol. XXX P III p 433 )**

**15.** Fil-Kontro-talba mressqa minnha, s-Soċjeta Konvenuta rikonvenzjonanti ma proċedietx fil-konfront tas-Soċjetá Attriċi rikonvenzjonata billi talbet ir-rexissjoni tal-kuntratt jew eżiġiet li l-istess soċjetá attriċi rikonvenzjonanti tlesti x-xogħolijiet kommissjonati lilha u/jew li tirrimedja x-xogħol allegatament esegwit ħażin u f'kull każ titlob il-ħlas tad-danni subiti kif dispost fl-artikolu 1069 tal-Kap. 16. Is-Soċjeta' Konvenuta rikonvenzjonata lanqas ma proċediet billi talbet li tlesti u tirrimedja x-xogħolijiet hi stess a spejjeż tas-Soċjetá Attriċi rikonvenzjonanti skont kif jiddisponi l-artikolu 1127 tal-istess Kap. Kif diġa ingħad, is-soċjetá Konvenuta kommittenti pproċediet fil-konfront tas-soċjetá attriċi appaltatriċi billi ħallet unilateralment il-ftehim ta' appalt skont kif provdut fl-Artikolu 1640

tal-Kap. 16. Għaldaqstant l-azzjoni rikonvenzjonali mressqa mis-soċjetá Konvenuta rikonvenzjonanti tikkwalifika taħt is-sub-inċiż 3 tal-imsemmi artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili.

**16.** Fuq dan is-sub-inċiż ġie ritenut fil-kawża ġia ċitata **Sapienza sive Sopie Spiteri et vs Anthony Galea** li "*fil-kaz ta' gustifikazzjoni jew raguni valida, a norma ta' l-imsemmi subinciz (3) ta' l-Artikolu 1640, l-indenniz dovut lill-appaltatur hu maghmul jikkonsisti f' somma li ma tkunx izjed mill-ispejjez li dan jaghmel u l-valur tax-xoghol. Dan, s' intendi, wara li jittiehed qies ta' l-utilita` ta' dawk l-ispejjez u dak ix-xoghol lill-kommittent, kif ukoll tad-danni li jkun sofra;*

*Korrettement intiz, in vista tad-danni spettanti lill-kommittent, dan* ***<u>is-subinciz (3) jinnewtralizza u jgib fix-xejn l-obbligi gravanti fuq il-kommittent kontemplati fis-subinciz (2). Fl-liema kaz dan kapaci jikkomporta d-dritt tal-kommittent ghar-restituzzjoni ta' l-akkont versat lill-appaltatur, jew ta' xi parti minnu;</u>***"(emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti)

**17.** Għaldaqstant, jekk tkun teżisti raġuni valida li tista' tiġi attribwita lis-Soċjetá Attriċi qua appaltatriċi ai termini tal-artikolu 1640(3), id-dritt tas-Soċjetá Attriċi taħt l-artikolu 1640(2) għall-ispejjeż u x-xogħol kollu tagħha kif esperit fl-azzjoni odjerna jista' jiġi kompromess bil-mod kif konsiderat fis-sentenza fuq ċitata **Peter Montebello et vs Grezzju Azzopardi et**. Ukoll is-Soċjetá Attriċi ma tibqax iktar intitolata għad-dritt taħt l-istess artikolu

1640(2) għal-somma korrispondenti għall-qliegħ li tkun tilfet, għalkemm dan id-dritt ma ġiex minnha invokat fl-azzjoni odjerna.

**18.** B'dana kollu, għalkemm il-kwistjoni prinċipali bejn il-partijiet tirrigwarda l-obbligi u drittijiet naxxenti mill-kuntratt ta' appalt, fir-risposta għar-rikors ġuramentat tas-Soċjeta' Attriċi, is-Soċjeta' Konvenuta, fl-ewwel żewġ eċċezjonijiet tagħha, qanqlet materja dwar l-esistenza ta' personalita' legali skont il-liġi u ċioe' dwar jekk is-Soċjeta' Attriċi setgħetx tipproċedi bl-istanti kontra s-Soċjeta' Konvenuta. Dan kien punt li ġie dibattut b'mod isserrat, saħansitra bil-produzzjoni ta' avukat Spanjol biex jixhed dwar l-istat tal-liġi spanjola fir-rigward dan il-punt. Irid jingħad li s-Socjeta' Attrici ġiet kostitwita skont il-liġijiet ta' dak il-pajjiz.

**19.** Dawn huma żewġ eċċezzjonijiet, partikolarment it-tieni waħda, li jekk jirrisulta li huma sostenibbli, allura jġibu l-azzjoni prinċipali fix-xejn. Wara kollox dan huwa rikjest anke mil-liġi f'artikolu 730 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Bit-tieni eċċezzjoni tagħha, is-Soċjeta' konvenuta qed tqanqal l-inkapaċita' tas-Soċjeta' Attriċi li toqgħod fil-ġudizzju peress li fit-termini tal-artikolu 780 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta s-Soċjeta' Attrici hija "*inkapaċi skont il-liġi biex joqgħod f'kawża, inkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek fl-isem u fl-interess ta' ħaddieħor, mingħajr ma jkun awtorizzat skont il-liġi għaldaqshekk.*"

**20.** Bħal kull eċċezzjoni oħra li hija derimenti, dawn l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati ad limine qabel kull kwistjoni oħra fil-mertu. Jekk jirrisultaw sostenibbli, din il-Qorti ma jkolliex għalfejn tidħol fil-mertu.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**21.** Kif intqal, il-Qorti għandha l-ewwel tikkunsidra l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mis-soċjetá ntimata fir-risposta ġuramentata tagħha.

**22.** Is-Soċjetá intimata qiegħda preliminarjament tattakka il-locus standi tas-Soċjetá Attriċi. Dan billi permezz tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet issollevat il-ħtieġa li s-Soċjetá Attriċi ġġib prova li l-Avukat Dr. Joseph Camilleri ġie debitament awtorizzat jintavola l-preżenti proċeduri għan-nom tagħha (eċċezzjoni 1) kif ukoll li hija għadha debitament topera u li għandha s-setgħa u l-personalitá legali meħtieġa sabiex tistitwixxi dawn il-proċeduri (eċċezzjoni 2).

**23.** Kif irriżulta waqt it-trattazzjoni tal-Kawża, ikkunsidrat li s-Soċjeta' Attriċi hija Soċjeta' kostitwita skont il-liġi Spanjola. It-tieni eċċezzjoni tistrieħ fuq dak li tiddisponi l-liġi Spanjola dwar is-Soċjetajiet kummerċjali. Dan ifisser li l-prova dwar l-istat tal-Liġi spanjola f'dan ir-rigward taqa' fuq spallet is-Soċjeta' konvenuta.

<u>*L-ewwel eċċezzjoni - awtorizzazzjoni*</u>

**24.** Permezz tal-ewwel eċċezzjoni, is-Soċjeta' konvenuta teċċepixxi li *"l-Attur nomine ghandu jgib il-prova li gie debitament awtorizzat jintavola l-presenti proceduri għan-nom tas-Soċjeta' Attriċi"*. Fil-verita' kien ikun aħjar li din l-eċċezzjoni ingħatat wara t-tieni eċċezzjoni għaliex il-kwistjoni ta' rappresentanza hija konsegwenzjali għall-eżitu tad-determinazzjoni tat-tieni eċċezzjoni. B'dana kollu fid-dawl ta' dak li ser jingħad aktar 'l isfel dwar it-tieni eċċezzjoni, il-Qorti ser tipprovdi xorta dwar din l-ewwel eċċezzjoni.

**25.** F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għal dak li xehed Camille Nasr. Dan huwa s-*sole share holder* u wieħed minn żewġ diretturi tas-Soċjeta' Attriċi. Dan għid: "*First of all, I make reference to the sworn application and sworn reply to the counterclaim, filed in Malta and confirmed on our behalf by our lawyer Dr. Joseph Camilleri of TCV Advocates"* (a' fol 193). Minn din il-parti tax-xhieda ma hemm ebda dubbju li l-Avukat Joseph Camilleri ġie awtorizzat minn wieħed mid-diretturi u jekk ma tridx *sole share holder* tas-Soċjeta' Attriċi.

**26.** Il-Qorti ikkunsidrat dak li xehed l-avukat Gonzalo Boye fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2019, prodott mis-Soċjetá konvenuta li *"…according to the Merchant Register of Barcellona from last week it says that there are two*

*joint administrators which are Mr. Camille and Mr. Havir Torras Munoz, which means they have to act together"*(a' fol 399).

**27.** Il-Qorti tgħid mill-ewwel dwar din l-eċċezzjoni, li anke kieku stess dak li qed tgħid is-Soċjeta' konvenuta huwa minnu, l-insenjament ta' dawn il-Qrati, f'sitwazzjonijiet simili, dejjem kien, li n-nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tal-Istatut ta' Soċjeta` Kummerċjali, inkwantu jirrigwarda proċeduri istitwiti kontra t-terz, ma jistgħux jitqanqlu mit-terz, peress li din hija kwistjoni li tirrigwarda biss ir-relazzjonijiet interni ta' dik is-soċjeta`. F'dan ir-rigward issir referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Joseph Borg noe -vs- Accountant General, deċiża mill-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Frar 1993** fejn fost oħrajn dik il-Qorti spjegat li *"Jekk persuna għandhiex id-dritt ta' rappresentanza jew le hija kwistjoni li tinteressa lis-Socjeta` u lis-soċi u mhux lil terzi"*. (Ara wkoll **Sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet Charms Ltd -vs- Wayne Chetcuti et tas-7 ta' Lulju 2017**).

**28.** Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni ser tkun miċħuda.

*<u>Personalita' Legali</u>*

**29.** Fit-tieni eċċezzjoni preliminari, is-Soċjetá konvenuta tinsisti li s-Soċjetá Attrici *"ġġib prova li hija għadha debitament topera u li għandha s-setgħa u l-personalita' legali meħtieġa sabiex tistitwixxi dawn il-proċeduri."*

**30.** Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-punti ta' liġi inkwistjoni, li huma imsejsa fuq ir-regim normativ spanjol li joffri xi differenzi minn dak lokali fir-rigward

tal-liġijiet li jirregolaw il-Kumpaniji kummerċjali. Bħal ma dejjem jiġri f'ċirkostanzi simili, u dan kif ritenut, il-prova ta' liġi barranija hija fiha nnifisha prova ta' fatt u li normalment issir permezz ta' opinjoni esperta dwar l-istat ta' liġi barranija.

**31.** Dawn il-Qrati jispjegaw li *"Tali prova ġeneralment issir tramite "expert witnesses" u hija fiha nnifisha prova ta' fatt."* (ara **App Ċivili fl-ismijiet Direttur tad-Dipartiment għall Standards tal-Ħarsien Soċjali -vs- Josephine Arslan tat-8 ta' Lulju 2008**). Dan huwa konformi mat-tagħlim tal-ermenewtika Ingliża fejn fost oħrajn jingħad li *". . the foreign law and its application, like any other results of knowledge and experience in matters of which no knowledge is imputed to the Judge, must be proved as facts are proved, by appropriate evidence . . "* (**Nelson v. Bridport, 8 Beav. 527, 536, 50 Eng. Rep. 207, 211, 1845**).

**32.** Huwa ukoll ta' interess dak li għidu l-awturi ingliżi fuq din il-materja u cioe':

*"The emphasis in England concerning the proof of foreign law has been on the oral testimony of witnesses qualified to speak as experts upon the law in question. It was apparently thought at one time that the proper method of proving foreign written law was by producing a copy of it properly authenticated.' The Sussex Peerage case, however, from which the prevailing common law technique for proving foreign law in England originated, established in 1844 that the foreign law should be proved by the*

*testimony of an expert witness and not by producing merely a copy of a statute or legislative text …… the foreign law and its application, like any other results of knowledge and experience in matters of which no knowledge is imputed to the Judge, must be proved as facts are proved, by appropriate evidence, hence the rule that foreign law must be proved as a fact"* (**Cornell Law review ;Vol 28 Issue 2 Winter 1953. Paper entitled Expert Witness and the proof of Common Law. Author Otto C. Sommedrich**)

**33.** Is-soċjetá attriċi ma preżentat l-ebda prova in adempiment tal-ewwel eċċezzjoni preliminari. Din l-eċċezzjoni ġiet għal kollox skartata mis-soċjetá attriċi tant li lanqas biss irribattita fin-nota ta' sottomissjonijiet preżentata minnha.

**34.** Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni preliminari, is-Soċjetá Attriċi preżentat dokument wieħed bil-lingwa Spanjola li juri li hija għadha inkluża fil-lista tar-reġistri uffiċjali Spanjoli (ara Dok CN 6 a' fol 203). Fil-kontro eżami tiegħu a' fol 238E et seq, id-Direttur u azzjonist tas-Soċjetá Attriċi Camille Nasr ġie mistoqsi x'inhuma dawn is "situaciones especiales" li fid-Dok CN 6 hemm indikat li jeżistu ("existen") fir-rigward tas-Soċjetá Attriċi Expomayor SL. Fir-risposti tiegħu is-Sur Nasr kien xi kemxejn evażiv u wieġeb li ma jafx. Meta mitlub jikkonferma li dawn is-*situaciones especiales* jirrigwardaw il-fatt li n-numru tar-reġistrazzjoni tat-Taxxa tas-soċjetá Expo Mayor ġie

rtirat fis-sena 2015, is-Sur Nasr ċaħad dan (ara xhieda a' fol 238H it-tieni faċċata).

**35.** Minn naħa l-oħra fil-kontro-eżami tiegħu, is-CEO tas-soċjetá intimata Bassim Khoury Nasr spjega li qabbad avukat Spanjol, ċertu Gonzalo Boye, sabiex jistħarreġ x'inhuma dawn iċ-ċirkustanzi speċjali li Dok CN6 indika li jeżistu fir-rigward tas-Soċjetá Attriċi (ara xhieda a' fol 254). Huwa preżenta żewġ dokumenti maħruġa mill-istess avukat Boye markati Dok AK 1 u Dok AK2. F'Dok AK2 (a' fol 256) l-Avukat Boye jiċċita l-Gazzetta tal-Gvern Spanjola datata 11 ta' Novembru 2015 fil-parti fejn fiha ġiet pubblikata ir-riżoluzzjoni tal-awtoritajiet tat-Taxxa tas-27 ta' Ottubru 2015. F'din ir-riżoluzzjoni is-Soċjetá Attriċi hija mniżżla bħala waħda mis-Soċjetajiet li ġie lilha revokat in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa bħala miżura ta' prevenzjoni ta' frodi fiskali. Estratt ta' din il-gazzeta ġiet preżentata mill-avukat Boye nnifsu (a' fol 405).

**36.** Fid-dokument AK2 riferut supra, l-avukat Boye jiċċita wkoll dispożizzjoni legali meħuda mil-liġi ġenerali tat-taxxa ta' Spanja. Din il-liġi timponi l-obbligu fuq istituzzjonijiet ta' kreditu li juru u li jinżamm rekord tan-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa ma kull pagament, ordni, kont, fattura u kwalunkwe forma oħra ta' transazzjoni ħlief dik marbuta ma' kont bankarju (ara para 3). Il-paragrafu 4 tal-istess liġi jistabbilixxi x'implikazzjonijiet iġġib magħha l-pubblikazzjoni tar-revoka tan-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa ta' istituzzjoni kreditarja. Dan il-paragrafu jistipula s-segwenti:

"*The publication of the revocation of the tax identification number assigned in the "Official State Gazette", will determine the loss of validity for identification purposes of that number in the tax area.*

*Likewise, the previous publication will determine that credit institutions do not charge or credit the accounts or bank deposits in which the holders of such revoked numbers are listed as owners or authorized, unless such number is rehabilitated or a new identification number is assigned fiscal.*

*When the revocation refers to an entity, the previous publication will also determine that the public registry in which it is registered, depending on the type of entity in question, to extend on the open sheet the entity that affects the revocation A marginal note stating that, from now on, no registration can be made that affects this, unless the number is rehabilitated or a new tax identification number is assigned.*"

**37.** L-avukat Boye preżenta wkoll estratt mir-reġistru merkantili ta' Barcelona, flimkien mal-informazzjoni ġenerali fuq is-Soċjetá Attriċi maħruġ mill-istess reġistru (ara Dok BO2 a' fol 407). B'referenza għal dan id-dokument l-Avukat Boye jispjega fix-xhieda tiegħu a' fol 399 et seq li fir-reġistru merkantili is-Soċjetá Attriċi għandha mniżżel indirizz differenti minn dak li hemm imniżżel fil-fatturi li ntwerew lilu mis-sur Khoury. Iktar minn hekk, il-fajl tas-Soċjetá Attriċi fir-Reġistru Merkantili huwa magħluq minħabba li l-istess Soċjetá waqfet tirreġistra l-kontijiet annwali tagħha fis-

sena 2006. Dan ifisser li s-Soċjetá Attriċi ilha ma tirreġistra l-kontijiet annwali tagħha sa mis-sena 2007, jiġifieri qabel ma tqabbdet mis-soċjetá intimata sabiex teżegwixxi x-xogħolijiet imsemmija. Kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq, huwa indika wkoll li fir-reġistru merkantili is-Sur Camille Nasr ma huwiex imniżżel bħala *sole administrator* iżda bħala *joint administrator* flimkien mas-sur Francisco Javier Torras Munoz u għalhekk għandhom, abbażi tal-liġi spanjola, jaġixxu u jirrapreżentaw il-kumpannija flimkien. (Imma dwar dan, din il-Qorti diġa' għamlet l-osservazzjoni tagħha aktar 'l fuq). Fl-istess dokument hemm imniżżel ukoll li s-Soċjetá Attriċi kellha bħala oġġett prinċipali n-negozju ta' proprjetá immobiljari flimkien ma' dak tal-kostruzzjoni u ristrutturar ta' proprjetá (ara xhieda a' fol 400 faċċata 2).

**38.** F'Dok AK 1 (a' fol 255) preżentat minnu, l-Avukat Boye jiġbed tlett konklużjonijiet mill-analiżi kondotta minnu. Dawn huma li (1) s-Soċjetá Attriċi Expo-Mayor S.L. hija prekluża milli taġixxi bħala entitá legali peress li l-fajl tagħha fir-reġistru merkantili huwa magħluq u n-numru tat-taxxa tagħha ġie revokat; (2) f'dawn il-kundizzjonijiet, ebda Qorti Spanjola ma hi se taċċetta ebda talba preżentata mis-Soċjetá Expo-Mayor S.L.; u (3) huwa ta parir lis-Soċjetá Intimata Pharmacare sabiex tistwixxi fi Spanja proċeduri kriminali kontra min qed jaġixxi f'isem is-Soċjetá Expo-Mayor S.L. billi fl-opinjoni tiegħu dan iwassal għal azzjoni frawdolenti skont il-liġi Spanjola. Is-Soċjetá konvenuta imxiet ma' dan il-parir u fil-fatt istitwiet ġewwa Spanja l-proċeduri kriminali appożiti (ara xhieda tas-CEO tas-soċjetá intimata Bassim Khoury Nasr a' fol 485A et seq, Dok BKX a' fol 486, xhieda Gonzalo

Boye a' fol 499 faċċata 2 et seq u Dok GB1 a' fol 508, Dok GB2 a' fol 521, Dok GB3 a' fol 533).

**39.** Is-Soċjetá Attriċi tirribatti l-konklużjonijiet ta' l-avukat Spanjol Gonzalo Boye billi tippreżenta parir legali mogħti minn avukat Spanjol ieħor, ċertu Joseph M. Balcells permezz ta' Dok JB (a' fol 393). Hemm l-Avukat Balcells ikkonferma f'paragrafu (e) li l-awtoritajiet tat-taxxa rrevokaw formalment in-numru tat-taxxa tas-soċjetá Expomayor S.L. bir-riżoluzzjoni tas-27 ta' Ottubru 2015 u li bħalissa l-istess soċjetá m'għandhiex aċċess sabiex tirreġistra rekords ġodda u atti pubbliċi. Dan minħabba n-nuqqas tagħha li tirreġistra l-kontijiet annwali tagħha. Dawn il-fatti ġew ammessi wkoll mid-direttur u azzjonist tas-Soċjetá Attriċi Camille Nasr stess f'waħda mis-seduti riċenti f'dawn il-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti Spanjola. F'din is-seduta huwa ammetta wkoll, inter alia, li m'għandux prokura biex jirrappreżenta s-Soċjetá Attriċi (ara xhieda ta' Gonzalo Boye a' fol 540 u 541 u filmat tas-seduta maħruġa mil-Qorti spanjola fil-pen drive Dok GB5).

**40.** L-Avukat Bacells iżda huwa tal-opinjoni li ladarba s-Soċjetá Expomayor S.A. ma ġietx liqwidata u lanqas xolta minkejja r-revoka tan-numru tat-taxxa, hija jibqagħla l-kapaċitá ġuridika biex tidher u taġixxi f'qorti sabiex tipproteġi l-interessi u tirkupra l-krediti tagħha.

**41.** F'din l-opinjoni mogħtija minnu l-Avukat Bacells skarta kompletament il-liġi ġenerali tat-taxxa ta' Spanja ċitata mill-avukat Boye u li fuqha dan tal-aħħar ibbaża l-konklużjonijiet tiegħu.

**42.** Para 4 ta' din il-liġi ġia ċitata supra tistipula ċar x'inhuma l-implikazzjonijiet f'każ li tiġi pubblikata r-revoka tan-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa bħal ma ġara fil-każ tas-soċjetá attriċi. Dawn jikkonsistu fis-segwenti:

(1) fit-telf ta' validità għal finijiet ta' identifikazzjoni ta' dak in-numru fil-qasam tat-taxxa;

(2) fil-projbizzjoni ta' stituzzjonijiet ta' kreditu milli jiddebitaw jew jikkreditaw kontijiet jew depożiti bankarji f'isem detenturi ta' tali numru hekk revokat. Dan sakemm dan in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa jiġi riabilitat jew jew jiġi assenjat numru ġdid ta' identifikazzjoni tat-taxxa;

(3) fl-obbligu tar-reġistru pubbliku li fih hija reġistrata entitá li għandha n-numru hekk revokat sabiex jinkludi nota ta' marġni fir-rekord ta' din l-entitá li permezz tagħha jiġi dikjarat li ma jistgħu jsiru ebda reġistrazzjonijiet li jaffettwaw din l-entitá. Dan sakemm dan in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa jiġi riabilitat jew jew jiġi assenjat numru ġdid ta' identifikazzjoni tat-taxxa;

**43.** Din il-liġi għalhekk tistipula b'mod ċar li kumpanija Spanjola li ġiet lilha revokata n-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa hija prekluża milli topera

kummerċjalment. Għalhekk is-Soċjeta' konvenuta targumenta li s-Soċjetá Attriċi hija prekluża milli tħarrek u tiġi mħarrka u milli tkun debitament rappreżentata fi proċeduri relatati ma attivitajiet kummerċjali mwettqa minnha anke qabel ma ġie lilha revokat in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa. L-avukat Boye jafferma dan fix-xhieda tiegħu fuq mistoqsija ta' din il-Qorti. Huwa ippreċiża li kumpannija ta' din ix-xorta ma tistax tħarrek jew tiġi mħarrka jekk mhux f'isem il-likwidatur tagħha (ara xhieda a' fol 401 faċċata 2 sa fol 402 faċċata 2 u fol 403 faċċata 2 sa fol 404 ).

**44.** In sostenn ta' din l-affermazzjoni l-Avukat Boye preżenta wkoll Dok BO4 maħruġ mil-Ministeru tat-Taxxa ta' Spanja fuq talba speċifika tiegħu stess (ara talba a' fol 428 u traduzzjoni fil-lingwa Ingliża a' fol 470 kif ukoll id-dikjarazzjoni a' fol 429 u traduzzjoni fil-lingwa ingliża a' fol 467).

**45.** F'dan id-dokument il-Ministeru ċċita l-istess liġi ta' Spanja ċitata wkoll mill-avukat Boye hawn fuq riprodotta u ddikjara inter alia li s-Aoċjetá attriċi għandha, b'effett ta' din ir-revoka, titħassar min fuq ir-reġistru tal-operaturi intra Ewropej (ara dikjarazzjoni a' fol 468 u xhieda tal-Avukat Boye a' fol 401). Fil-fatt is-Soċjetá Attriċi ġiet ġia mneħħija min fuq dan ir-reġistru u ilha hekk mneħħija sa mill-31 ta' Mejju 2012, jiġifieri kważi ħames snin qabel ma ġew istitwiti l-proċeduri odjerni (ara Dok GB4 maħruġ mill-awtoritá tat-Taxxa Spanjola preżentat mill-avukat Boye a' fol 551 u xhieda a' fol 539).

**46.** Il-Qrati Spanjoli stess mhux qed jirrikonoxxu lis-soċjetá attriċi bħala soċjetá iżda bħala entitá. Dan minħabba li, għal raġunijiet indikati mill-avukat Boye f' Dok AK2 kif anke ammessi min Camille Nasr stess u l-avukat mqabbad minnu Joseph M. Balcells, is-Soċjetá Attriċi ma baqgħetx tissodisfa ir-rekwiżiti legali taħt il-liġi Spanjola sabiex tiġi rikonoxxuta bħala soċjetá (ara xhieda Gonzalo Boye a' fol 500 u 504).

**47.** Skont is-Soċjetá Konvenuta huwa ċar għalhekk li is-Soċjetá attriċi ma setgħetx tistwixxi dawn il-proċeduri. Dan minkejja li għadha ma ġietx likwidata. Il-fatt waħdu li s-Soċjetá Attriċi għadha ma ġietx xolta ma jagħmilix waħda regolari a skapitu ta' dak li tiddetta il-liġi Spanjola fuq ċitata. Fix-xhieda tiegħu l-avukat Boye jispjega li kumpanniji fi Spanja li jkun ġie lilhom revokat in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa, jagħżlu li jibqgħu inattivi mingħajr ma jfittxu il-likwidazzjoni u x-xoljiment tal-istess (a' fol 400 ). Dan sabiex ma jinkorrux fi spejjeż marbutin ma' din il-proċedura. Huwa jisħaq iżda li Nutar huwa prekluż milli joħroġ prokura għan-nom ta' kumpannija bħal din, bħal ma hi s-soċjetá attriċi. Dan minħabba li m'għandhiex il-kapaċitá li topera kummerċjalment. Difatti s-Soċjetá Attriċi ġiet għaldaqshekk imneħħija mir-reġistru tal-operaturi intra Ewropej. Dan iwassal sabiex kumpannija bħal din lanqas ma jista jkolla l-kapaċitá li tiftaħ kont bankarju u li tħarrek u/jew tiġi mħarrka (ara xhieda Gonzalo Boye a' fol 501 (it-tieni faċċata) a' fol 504 u a' fol 539). Minħabba f'hekk kumpannija bħal din ma tibqax rikonoxxuta iktar bħala kumpannija iżda bħala entitá u bħala tali m'għandhiex il-kapaċitá li taġixxi ta' kumpanija. Dan jispjega in-

nuqqas ta' prova min-naħa tas-Soċjetá Attriċi li turi, fiċ-ċirkostanzi partikulari li tinsab fihom is-Soċjeta' Attriċi fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-liġi spanjola, kif l-Avukat Joseph Camilleri ġie fil-fatt debitament awtorizzat jintavola l-proċeduri odjerni bħala mandatarju speċjali tagħha.

**48.** Il-Qorti tistqarr, li f'sitwazzjonijiet bħal dawn tkun rinfaċċjata b'ċertu diffikultajiet dwar kif tapplika jew għandha tkun interpretata liġi barranijia, b'mod partikulari meta jkollok opinjonijiet kontrastanti ex-parte ta' esperti fuq l-istat tal-liġi barranija bħal ma huwa dan il-każ. F'dan ir-rigward il-Qorti fehmet li n-nonosservanza tal-liġijiet fiskali ta' Spanja ma jġibux fix-xejn l-esistenza bħala ente morali ta' Soċjeta' kummerċjali.

**49.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, sakemm Kumpanija ma tkunx imħassra, bil-mod kif jipprovdi per eżempju l-artikolu 320 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, hi x'inhi ir-raġuni għalfejn tkun għadha tidher fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet, il-personalita' ġuridika tagħha ma tiġix mittiefsa. Skont il-provi prodotti jirrisulta, li minkejja li tassew jidher li ai fini fiskali s-Soċjeta' Attriċi għandha problemi fi Spanja, b'reperkussjonijiet anke mal-Banek kummerċjali, xorta waħda għadha tidher li għall-effetti tal-liġi għadha "ħajja". Dan jemerġi ukoll mill-istess Reġistru tas-Soċjetajiet Kummerċjali Spanjol aġġornat fis-16 ta' Jannar 2017 meta l-kawża odjerna ġiet isistwita fit-8 ta' Marzu tal-istess sena.

**50.** Il-Qorti tagħmel referenza għad-dokument AK2, kwantu jirrigwarda *"section 4 of the sixth additional provision of law 58/, of December 17 ,*

*General Tax Law , as amended by aricle seventeen , of law 58/2003 of November 29.."* (a' fol 256). Skont dan id-dokument, il-konsegwenza ta' nuqqas ta' numru ta' identifikazzjoni fiskali jwassal sabiex "*Credit institutions may not write checks against delivery of cash , goods , securities….".*

**51.** Minn hawn jirrisulta, li din il-parti tal-liġi tindirizza lill-istituzzjonijiet finanzjarji ossia ta' kreditu biex ma jippermettux transazzjonijiet tax-xorta imsemmija, fir-rigward ta' Soċjeta' kummerċjali li ma tkunx konformi mal-liġi fis-sens spjegat. Iżda imkien ma jirrisulta li din il-liġi qegħdha tisvesti lil tali Soċjeta' mill-personalita' ġuridika b'mod li ma tistax tħarrek jew tkun imħarrka. F'dan is-sens, il-Qorti tħoss li ma tistax taqbel ma dak li kkonkluda l-Avukat Gonzalo Boye f'para 4 tad-dokument AK2. Is-sens li qed jattribwixxi l-imsemmi avukat għal din il-liġi imur lil hinn minn dak li tidher hija intenzjonata għalih. Ma jirrisultax li din il-liġi hija maħsuba li twassal għal sitwazzjoni fejn persuna kemm jekk fiżika jew morali titqiegħed f'sitwazzjoni ta' interdizzjoni fattwali sal-punt li ma tkunx tista' toqgħod f'Kawża. Dan qiegħed jingħad għaliex l-effetti li taħseb għalihom din il-liġi tolqot anke persuni fiżiċi.

**52.** Il-Qorti ħadet ukoll nota tad-dokument maħruġ mill-Aġenzija tat-Taxxa tad-Distrett Speċjali ta' Catalonia (a' fol 551). Dan jgħarraf li: *"On May 31,2012 the removal from the Corporate Index and the correction of its census status report were resolved, removing it from the Registry of*

*Intra -Community Operators. Therefore, as of that date, it should not have conducted intra-community operations."* Kien fil-11 ta' Novembru 2015, cioe' tlett snin wara (!), li ġie revokat in-numru ta' identifikazzjoni fiskali (a' fol 405).

**53.** Il-Qorti tosserva wkoll is-segwenti: Fl-14 ta' Frar 2012, l-impjegati tas-Soċjeta' Attriċi ma tħallewx jidħlu aktar fil-fabbrika tas-Soċjeta' konvenuta (ara dok a' fol 201). Dan ifisser li kwalunkwe operazzjoni li kienet qed twettaq is-Soċjeta' Attriċi twaqqaf b'effett minn dik id-data. Dan ifisser li fil-mument li ġiet intavolata l-Kawża odjerna ma kienux qed isiru aktar operazzjonijiet. Ix-xogħolijiet li laħqu saru kienu b'effett tal-ftehim datat 6 ta' Diċembru 2011 u n-numru fiskali ġie revokat fil-11 ta' Novembru 2015. Dak li qed tittenta tagħmel b'din il-kawża s-Soċjeta' Attriċi mhux li twettaq jew tikkonduċi xi operazzjoni, iżda li titlob ħlas għal servizzi li rrendiet għalhekk ma jidhirx li hija kolpita mill-imsemmija projbizzjoni. Kull operazzjoni li laħqet wettqet huma kjarament anteċedenti għad-dati imsemmija.

**54.** Il-Qorti ma tistax ma tosservax, li minkejja l-insistenza tas-Soċjeta' konvenuta li s-Soċjeta' Attriċi ma setgħetx tippromwovi din il-Kawża għar-raġunijiet imsemmija fl-eċċezzjoni minnha mogħtija, hi xorta ipprevaliet ruħha, kif għandha kull dritt li tagħmel, mill-Istitut tar-rikonvenzjoni, Istitut li huwa marbut sfieq mal-kapaċita' leġittima li s-Soċjeta' Attriċi toqgħod f'kawża. Altrimenti kif xhed l-avukat Gonzalo Boye, l-anqas il-konto-talba

ma setgħet issir jekk l-Attur ma setgħax iħarrek skont il-liġi (ara xhieda a' fol 403 tergo).

**55.** Kif intqal aktar 'l fuq, il-prova tal-istat ta' liġi hija waħda li trid tkun ipprovata daqs kull fatt ieħor. Il-Qorti diġa' aċċennat, li quddiemha għandha żewġ versjonijiet dwar x'tipprovdi l-liġi spanjola fuq din il-vertenza partikulari. Hemm dik tal-avukat Gonzalo Boye, prodott espert ex-parte tas-Soċjeta' Konvenuta u dik tal-avukat Josep M. Balcells (a' fol 393 sa 395). Bħal kull evalwazzjoni ta' fatt fil-kamp ċivili il-Qorti hija tenuta li tiddeċiedi fuq il-bilanċ u preponderanza tal-provi (**Kollez. Vol L. pII, p440**).

**56.** Wara li qieset il-provi kollha u għarblet l-opinjoni taż-żewġ esperti ex-parte fuq imsemmija, il-Qorti tasal għall-konklużjoni, li s-Soċjeta' Attriċi, ai fini ta' dawn il-proċeduri għadha tippossjedi il-kapaċita' legali taġixxi biex tħarrek u anke tkun imħarrka.

**57.** Dan ifisser li t-tieni eċċezzjoni ser tkun ukoll respinta.

*Preskrizzjoni*

**58.** Il-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis it-tielet eċċezzjoni preliminari u ċjoè dik tal-preskrizzjoni biennali ai termini tal-artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**59.** Ġie ritenut li "*fir-rigward tal-artikolu 2149(a) tal-kap 16 hu paċifiku li dan is-sub-artikolu japplika għall-azzjonijiet imsejsa fuq ftehim ta' appalt*

*("Edgar Causon v Abdel Salam A. Sheibano noe" (App.Civ. Dec.11 ta' Marzu 1991) u hija applikabbli ghat-talbiet odjerni li huma bbazati fuq relazzjoni ta' appalt u sub-appalt bejn il-kontendenti.*" (**Penza Tarmac Limited (C22138) vs Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited (C23016)**.

**60.** Il-Qorti tifhem għalhekk li, kif anke ġie ġustament osservat mis-Soċjetá Attriċi stess fin-nota a' fol 576, din l-eċċezzjoni tolqot biss dawk il-krediti marbuta man-negozji ta' locatio operis li sar bejn il-partijiet ta' din il-kawża skont id-dispost tal-artikolu 1633 tal-Kodiċi Ċivili. Isegwi li din l-eċċezzjoni żgur ma hiex applikabbli fil-konfront tat-talba attriċi għall-ħlas tal-makkinarju li tħalla fil-fabbrika tas-Soċjeta' konvenuta. Din il-parti tat-talbiet li jolqttu l-valur ta' makkinarju u l-artikolu ċitat in sostenn tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni żgur ma hux dan. Jekk hemm xi oħra xorta' preskrizzjoni ma saret referenza għal ebda artikolu ieħor espressament, element li huwa rikjest mil-ermenawtika lokali. L-anqas il-Qorti ma tista' tissolleva minn jheddha il-preskrizzjoni. **(Kollez. Vol XLII pIII p1152).**

**61.** Ai fini ta' din l-eċċezzjoni is-soċjetá Konvenuta tat il-ġurament skont kif tassativament mitluba minnha ex lege taħt l-artikolu 2160 tal-istess Kap kif emendat bl-Att Nru I tal-2017 (ara l-ġurament anness mar-risposta ġuramentata a' fol 29, markat bħala Dok PC001). Dwar din l-eċċezzjoni f'Sentenzi riċenti, il-Qrati tagħna kellhom opportunita' jipprovdu dwar l-interpretazzjoni korretta ta' dan l-artikolu fid-dawl tal-emendi imsemmija

(ara Sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet **P&S Limited et vs Noel Zammit et).**

**62.** Fin-nota tagħha a' fol 577, is-Soċjetá Attriċi tissottometti li tali raġuni hija inkonsistenti mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2149(a). Dan għaliex issarraf f'rikonoxximent li jeżisti bilanċ li huwa dovut lilha u għalhekk timporta rinunzja għall-istess preskrizzjoni.

**63.** Ġie ritenut, "J*ezistu cirkostanzi fejn il-preskrizzjoni eccepita tista' titqies rinunzjata, bhal f'dawk il-kazijiet fejn id-debitur jadotta linja ta' difiza li tpoggih fi stat, li tirrendi inkompatibbli l-pozizzjoni guridika tieghu mal-eccezzjoni moghtija minnu tal-preskrizzjoni*" (**Stephen Scicluna v. Perit Claude Busuttil**, **Qorti tal-Appell, 16 ta' Diċembru 2019**). Eċċezzjoni bħal din ta' inadempjenza kuntrattwali minħabba li x-xogħolijiet esegwiti mis-Soċjeta' Attriċi rikonvenzjonata ma sarux skont l-arti u s-sengħa skont kif titlob il-liġi, ssarraf f'dik imsejħa bħala "*l'abdicazione di un diritto*" (ara **Stephen Scicluna v. Perit Claude Busuttil**, ċitata supra). Dan għaliex tali eċċezzjoni timporta rikonoxximent tad-dejn. Dan l-għarfien jinterrompi l-preskrizzjoni u jikkostitwixxi rinunzja għall-preskrizzjoni li tkun laħqet għaddiet:

"*Kif tajjeb rilevat mill-abbli difensur tal-attur waqt it-trattazzjoni ta' din l-eccezzjoni, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija inkompatibbli mal-eccezzjoni l-oħra sollevata mill-konvenut dwar ix-xogħol allegatament hazin li sar mill-attur. Huwa ormai pacifiku fit-taghlim gurisprudenzjali tal-qrati, illi jezistu*

*sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita ma jibqaghlha l-ebda valur meta din takkompanja eccezzjoni ohra li maghha hija inkompatibbli.*

*"Dan jigri, tipikament, fejn l-attitudni tad-debitur ma tkunx dik tad-difiza tal-inezistenza tad-debitu jew tac-cahda tad-dritt u l-azzjoni tal-attur, izda tas-semplici kontestazzjoni tal-ammont jew ahjar kif jinghad f'din il-kawza il-quantum huwa esagerat. Konformement bhal fil-kaz tal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni, eccezzjoni konsimili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gja kompjuta."( 18 Vide* **Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Limited**, **deciza fit-28 ta' April 2004 mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri***).*

*Fis-sentenza appena citata (Busuttil v. Public Broadcasting Services Limited), il-Qorti citat mit-Troplong ("Prescrizione" No. 67) illi fisser li:-*

*"… … … quando il debitore senza negare in sostanza di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, vi ha rinunzia tacita alla prescrizione".*

*Fil-fehma tal-Qorti, l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut li x-xoghol mertu tal-kreditu pretiz sar hazin, jimporta rikonoxximent li l-kreditu huwa ezistenti, ghad mhux fl-**ammont mitlub izda f'ammont inferjuri minn dak reklamat. Il-**Qorti tifhem illi din ix-xorta ta' eccezzjoni ssarraf f'rinunzja tacita tal-preskrizzjoni b'mod illi anke jekk iz-zmien ghall-preskrizzjoni jkun*

*gia' kompjut, tezisti inkompatibbilita` irrikonciljabbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.*

*Finalment, in propositu u kif ritenut fis-***Sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Ramel u Zrar Ltd vs Mixer Ltd gja Planka Limited et,** *inghad li l-gharfien tal-kreditu da parti tad-debitur lanqas ma huwa mehtieg li:-*

*"… ikun dwar il-kwantita` jew il-kreditu kollu pretiz mill-kreditur, peress li dak l-gharfien jista' wkoll jirrigwarda kreditu li ghadu mhux likwidu. Ghalhekk, meta d-debitur ma jichadx id-dejn imma jikkontesta l-ammont tieghu, ikun qieghed jinterrompi u bla ma jrid izomm iz-zmien preskrittiv li jkun beda jghaddi, u dan jghodd ukoll jekk tali gharfien isir wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni;"*

*Konformament mal-konsiderazzjonijiet premessi, il-Qorti qieghda tammetti dak sostenut mill-attur illi l-istess preskrizzjoni tinsab imxejna b'rikonoxximent tad-debitu u allura bir-rinunzja ghall-preskrizzjoni, u tqis illi fi kwalsiasi kaz, il-linja difensjonali esposta mill-konvenut hija kunfliggenti mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, liema eccezzjoni ghaldaqstant ma tistax treggi.*" (**Anthony Galea vs Wayne Ciantar, Qorti tal-Maġistrati, 30 ta' Jannar 2019.**)

**64.** Illi apparti l-argumenti fuq imsemmija, l-fatt li fl-istess waqt, is-Soċjeta' konvenuta pprevaliet ruħha mill-Istitut tar-rikonvenzjoni, il-Qorti

tkompli issaħħaħ il-fehma tagħha f'dan ir-rigward. Il-Qorti issib li l-posizzjoni tas-Soċjeta' Konvenuta hija għal kollox inkompattabli mal-eċċezzjoni li tat preskrizzjoni meta fl-istess waqt qed tapprofitta ruħha minn talbiet dwar pretensjonijiet li qed tippretendi li huma preskritti.

**65.** Din il-Qorti sejra għaldaqstant tiċħad it-tielet eċċezzjoni preliminari u tgħaddi biex tqis ir-raba' eċċezzjoni fuq il-mertu.

*<u>Il-Mertu</u>*

**66.** Kif diġa kkunsidrat, permezz ta' din l-eċċezzjoni is-Soċjetá konvenuta qed tissolleva l-inadempjenza kontrattwali tas-soċjetá konvenuta bħala 'raġuni valida' għala hija ħallet unilateralment il-kuntratt t'appalt skont kif jiddisponi l-is-sub-inċiż tal-artikolu 1640. Dan sabiex tinnewtralizza l-obbligu tagħha kontemplat fis-sub-inċiż 2 tal-istess artikolu.

**67.** Fil-konsiderazzjoni ta' x'jikkostitwixxi 'raġuni valida' taħt l-artikolu 1640, il-Qorti Ċivili Prim' Awla fil-kawża ġia ċitata **Peter Montebello et vs Grezzju Azzopardi et** tenniet is-segwenti:

"*Illi huwa meqjus li dak li jikkostitwixxi raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf mill-kommittent qabel il-waqt jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. Tali nuqqas jista' jseħħ jew bl-għoti ta' xogħol ħażin u mhux skond is-sengħa; jew bl-għoti ta' xogħol li, għalkemm fih innifsu jkun sar tajjeb, ma jkunx dak li ġie mitlub jew miftiehem; jew bin-nuqqas ta' twettiq f'waqtu jew mogħti b'dewmien eżaġerat jew lil hinn miż-żmien*

*miftiehem; jew inkella fejn, bix-xogħol mibdi, jkun jidher li qegħda ssir ħsara lill-ġid tal-istess kommittent. Iżda jekk kemm-il darba l-kommittent minn rajh iħoll il-kuntratt ta' appalt li jkun ta lill-appaltatur, mingħajr ma jkun hemm kondizzjoni riżoluttiva espressa fil-ftehim, l-kommittent ma jistax jinqeda bl-iskuża tal-eżistenza tal-kundizzjoni riżoluttiva taċita (li hija bil-liġi (Art. 1068 tal-Kap 16) meqjusa bħala applikabbli f'kull kuntratt bilaterali), biex unilateralment iħoll il-kuntratt. F'każ bħal dan huwa dejjem mistenni li tinkiseb l-awtorizżazzjoni tal-Qorti għall-ħall tal-kuntratt. Jekk l-appaltant jieħu u japplika waħdu deċiżjoni f'dan is-sens, iqiegħed ruħu fil-pożizzjoni li jrid iwieġeb għall-appaltatur skond ma trid il-liġi fl-artikolu 1640(2) (**P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet Albert Sacco vs John Camilleri**);*

*Illi l-appaltatur ma jistax jitlob il-ħlas ta' appalt li huwa ma jtemmx jew li jagħmel ħażin, u l-azzjoni tiegħu għall-ħlas għandha tiġi miċħuda għaliex tkun saret qabel waqtha. Imma l-intempestivita' tintemm jekk kemm-il darba l-appaltant iqabbad minn rajh li ħaddieħor itemm ix-xogħlijiet jew jirranġahom (**P.A. PS 28.2.2003 fil-kawża fl-ismijiet Anthony Sciberras et vs Anthony Montebello pro et noe**) u ma jagħtix lill-appaltatur opportunita' li jagħmel dan;*

*Illi, madankollu, ukoll fejn ix-xogħol ma jkunx twettaq kollu, ma jistax jingħad li l-kuntratt ma twettaqx, għaliex inadempiment f'biċċa biss mix-xogħol kollu mogħti ma jistax jitqabbel ma' nuqqas sħiħ ta' twettiq. F'każ bħal dan, fejn parti mix-xogħol tkun twettqet u tkun tiswa lill-appaltant, dan*

*ma jistax jirrifjuta li jħallas għax-xogħol li sar (**App.Inf. 17.3.2003 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Beżżina et vs Joseph Attard et**);*

*Illi jitqies li l-appaltatur kien inadempjenti jekk, fejn ikun ta xogħlijiet li ma jkunux tajbin jew skond is-sengħa, jibqa' jwebbes rasu għat-talba tal-kommittent biex jagħmel tajjeb għal tali nuqqasijiet: f'każ bħal dan, l-appaltant jista' jgħaddi biex ineħħi l-imsemmija difetti bla ħtieġa li joqgħod jitlob l-awtoriżżazzjoni tal-Qorti għal dan (**P.A. PS 9.6.2004 fil-kawża fl-ismijiet Raphael Micallef vs Anthony Aġius**);*

*Illi daqstant ieħor huwa stabilit li fejn f'appalt ikun twettaq xogħol li jkollu nuqqasijiet, l-kommittent ma jistax jibqa' jallega l-inadempiment kuntrattwali jekk jaqbad u jwaqqaf lill-appaltatur u, mingħajr ma jitolbu jsewwi dawk in-nuqqasijiet, iqabbad lil ħaddieħor biex jagħmilhom hu (**P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet France Abela vs Joseph Scicluna).**"*

**68.** Il-Qorti sejra issa tapplika din l-enunċjazzjoni korretta ta' dritt għas-segwenti fattispeċe tal-każ in eżami:

**69.** Joħroġ inkontestat mill-atti li r-raġuni għaliex is-Soċjetá Attriċi ġiet imwaqqfa fl-14 ta' Frar 2012 milli tkompli teżegwixxi x-xogħolijiet kienet id-diżgwit li nħoloq rigward ħlasijiet dovuti konsegwenza ta' diskrepanzi fil-qisien u mhux għaliex ix-xogħolijiet ma sarux skont l-arti u s-sengħa (ara affidavit u xhieda tas-CEO tas-soċjeta' intimata Bhassim Khoury a' fol 109, 250 u 253 faċċata 2; affidavit tad-direttur u azzjonist tas-Soċjetá Attriċi

Camille Nasr a’ fol 195 l-ewwel paragrafu; Doc CN4 a’ fol 201, ix-xhieda ta’ Pierre Paul Mangion ex-impjegat tas-Soċjetá konvenuta a’ fol 207 mit-tieni faċċata et seq, xhieda Camille Nasr a’ fol 238D it-tieni faċċata: “***Dr. Damien Degiorgio:*** *Am I correct in saying that before the 14th February 2012 there was a lot, a lot of correspondence including emails, between you and representatives of Pharmacare on the works and on the fact that the works where not up to specification?* ***Xhud:*** *No sir. There was no communication on e-mail on the work specification. There was only communication on the payment.* ***Dr. Damien Degiorgio:*** *So they did never complain on the quality of the works before the 14th February?* ***Xhud:*** *They did not complain on the work. No sir.* ***Dr Damien Degiorgio:*** *Ok. Thank you.* ***Dr. Benjamin Valenzia:*** *14th Ferbuary which year?* ***Dr. Damien Degiorgio:*** *14th February 2012*”; ara wkoll e-mails markati BK 13 a’ fol 375).

**70.** L-allegata inadempjenza sollevata mis-Socjeta’ konvenuta Pharmacare qamet biss xhur wara t-terminazzjoni unilaterali tagħha tal-appalt li seħħet fl-14 ta’ Frar 2012, preċiżament ‘*min wara nofs is-sena tal-2012*’ (affidavit Jason Balzan a’ fol 63 para 4; ara wkoll affidavit ta’ Hani Sarraf a’ fol 69 para 4, affidavit Camille Nasr a’ fol 195 para 4, k/eż Camille Nasr a’ fol 237 faċċata 2).

**71.** <u>L-inadempjenza kontrattwali reklamata mis-Soċjetá Konvenuta allegatament seħħet unikament fuq xogħolijiet ta’ flooring fil-warehouse tal-fabbrika li kienu diġa tlestew sa Settembru 2010</u> (ara xhieda Pierre Paul

Mangion fol 207: *"**Dr. Joseph Camilleri:** Mela, tista' tgħidilna bejn wieħed u ieħor jekk tiftakar allura, iż-żmienijiet meta saru dawn ix-xogħoljiet? Jiġifieri x-xogħolijiet saru kollha f'daqqa jew fuq perjodu ta' żmien? U jekk iva kif kienu mqassmin? **Xhud:** Ix-xogħolijiet, l-art saret qabel Settembru tat-two thousand and ten meta jiena ngħaqadt mal-Pharmacare. **Dr. Joseph Camilleri:** Jiġifieri dak iż-żmien l-art **Xhud u Dr. Joseph Camilleri:** kienet diġa lesta. **Xhud:** L-artijiet kienu lesti.*"; xhieda Jason Balzan fol 63, 236 u 237: "***Dr. Joseph Camilleri:** Issa x-xogħol illi inti qed issemmi, tal-art issa, daka jiġifieri saru bejn wieħed u ieħor f'Settembru tal-2010 jew tkkompla anke wara? **Xhud:** Ie le dak sakemm dħalt jien hemmhekk voldieri f'Novembru tat-2010, kien ġia' lest. **Dr. Joseph Camilleri:** Kien ġia lest. **Xhud:** kollox kien ġia' lest."*; ara wkoll affidavit u xhieda ta' William Stewart a' fol 68 u 232 faccata 2, affidavit Hani Sarraf fol 69 u affidavit Bhassim Khoury fol 109. Mill-bqija jirriżulta li kemm kienet ilha taħdem għas-Soċjetá Konvenuta, s-Soċjetá Attriċi qatt ma kellha lmenti mill-istess, lanqas fuq il-partitions (ara xhieda ta' Jason Balzan fol 236 faċċata 2 u affidavit Camiller Nasr a' fol 193).

**72.** Iżda dan ix-xogħol fuq il warehouse mwettaq fis-sena 2010 allegatament mhux skont is-sengħa u l-arti ma huwiex dak regolat bl-appalt skont il-ftehim tas-26 ta' Settembru 2011 u s-6 ta' Diċembru 2011. Ix-xogħol fuq dan il-warehouse sar sena qabel ma ġew fis-seħħ il-ftehimiet imsemmija li fuqhom is-Soċjetá Attriċi qiegħda tibbaża din l-azzjoni għal ħlasijiet in kwistjoni. Għaldaqstant dawn ix-xogħolijiet fuq il-warehouse li

allegatament saru ħażin fis-sena 2010 huma kompletament distinti u m'għandhom x'jaqsmu xejn max-xogħol li s-Soċjetá konvenuta ddeċidiet tgħati lis-Soċjetá Attriċi appaltatriċi permezz tal-itess ftehimiet imsemmija. Difatti l-ebda mit-tlett fatturi li fuqhom is-Soċjeta' Attriċi qed titlob ħlas ta' bilanċ ta' kreditu ma jikkonċernaw ħlasijiet ta' xogħolijiet ta' flooring imwettqa fil-warehouse tal-fabbrika imsemmija (ara fatturi a' fol 7, 8 u 9).

**73.** Ai fini ta' kompletezza jingħad di più, li hekk kif jirriżulta li s-Soċjetá Attriċi, meta ġiet infurmata b'dawn id-danni reklamati biss f'xi partijiet żgħar tal-warehouse (u mhux il-warehouse kollha) permezz ta' e-mail datata 9 ta' Awwissu 2012 (fol 202), hija qatt ma aċċettat ir-responsabbilitá tagħhom u anzi tqis li dawn seħħew tort tas-Soċjetá Konvenuta. Madanakollu hija wriet il-buona volontá li tagħmel xogħlijiet rimedjali dment li jitħallsu il-bilanċi dak iż-żmien dovuti lilha (ara e-mail datata 9 ta Mejju 2013 a' fol 142). Is-Soċjetá Konvenuta rrifjutat u anzi riedet li jinqatgħu €6,000 mill-ħlas dovut lis-soċjetá attriċi għal xogħolijiet ta' panels mwettqa minnha. Kien għalhekk li t-tiswijiet fuq il-warehouse spiċċaw ma sarux mis-Soċjetá Attriċi iżda mill-impjegati tal-pharmacare stess f'Awwissu tas-sena 2014 u ġew terminati f'Ottubru tal-istess sena (ara xhieda Hani Sarraf a' fol 69 l-aħħar żewġ para; affidavit Camille Nasr a' fol 195, 197 para 1 u 198; affidavit Jason Balzan fol 64 l-aħħar żewġ para, affidavit William Stewart li ġie imqabbad bħala warehouse supervisor fl-20/8/112 a' fol 68, affidavit Hani Sarraf a' fol 70, Change Request Forms (CRF) a' fol 103, affidavit u kontro eżami Bhassim Khoury fol 109 u 249 faċċata 2).

**74.** Filwaqt li t-tiswijiet fuq l-art tal-warehouse saru mill-impjegati tas-soċjetá Konvenuta stess, ix-xogħol effettivament appaltat lis-Soċjeta Attriċi abbażi tal-ftehimiet imsemmija u li ġie arbitrarjament imwaqqaf mis-Soċjetá konvenuta, ġie sussegwentement appaltat mis-Soċjetá Konvenuta lil Soċjetá Taljana bl-isem ta' Sirec S.P.A. (ara xhieda Pierre Paul Mangion a' fol 208 faċċata 2: "*U tiftakar imbagħad allura kif tkompew dax-xogħolijiet jekk Expomayor ma kenitx qed titħalla taħdem fis-sit?* ***Xhud****:...Ix-xogħolijiet tkomplew mill-kumpanija Taljana li dal-ħin ma nistax niftakar x'jisimha* ***Dr. Joseph Camilleri:*** *Jekk insemmilek jista' jkun kienet Delta?* ***Xhud:*** *Le.* ***Dr. Joseph Camilleri:*** *Jew Kumpanija oħra.* ***Xhud:*** *Le, le, le, le. ... ma tkompliex mid-Delta imma minn kumpanija oħra.* ***Dr. Joseph Camilleri:*** *Oħra* ***Xhud:*** *Differenti.*"; ara wkoll xhieda Hani Sarraf fol 217 tieni faċċata; kontro eżami Bhassim Khoury a' fol 251: "...We had the company from Italy come twice and we can prove that we paid these guys the money to finish the job of Mr Nazar"; ara wkoll xhieda Jason Balan a' fol 237 faċċata 2 u abbozz ta' ftehim tal-appalt datat 7 ta' Diċembru 2012 a' fol 331).

**75.** Jirriżulta ampju għalhekk li ma kien hemm l-ebda twibbis ta' ras min-naħa tas-Soċjetá Attriċi biex tagħmel tajjeb għal nuqqasijiet reklamati mis-Soċjetá Konvenuta. Dan għaliex qatt ma kien hemm xogħolijiet rimedjali xi jsiru fuq ix-xogħol appaltat lilha mis-Soċjetá konvenuta permezz tal-ftehimiet imsemmija. Ir-raġuni vera għaliex is-Soċjetá Attriċi qabdet u waqqfet l-appalt kienet minħabba nuqqas ta' qbil fuq il-ħlasijiet reklamati

mis-Soċjetá Attriċi. Din ir-raġuni hija għal kollox estranja għas-suppost inadempjent kuntrattwali reklamat mis-soċjetá Konvenuta.

**76.** Isegwi li s-Soċjetá Attriċi ġiet imwaqqfja mill-appalt mhux għal raġuni valida, iżda għal deċiżjoni arbitrarja tas-soċjetá Konvenuta.

**77.** Għaldaqstant, fid-dawl tas-sentenza appena ċitata, s-Soċjetá Konvenuta ma tistax tibqa' tallega l-inadempiment kuntrattwali biex tissana l-obbligu tagħha impost bis-sub-inċiż 2 tal-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili. Konsegwentement is-soċjetá attriċi rikonvenzjonata ma tistax tkun responsabbli għall-ebda danni fit-termini tas-sub-inċiż 3 tal-istess artikolu.

**78.** Din il-Qorti sejra għaldaqstant tiċħad ir-raba' eċċezzjoni sollevata mis-soċjetá Konvenuta fir-risposta ġuramentata tagħha kif ukoll it-talbiet rikonvenjonali mressqa wkoll mis-soċjetá Konvenuta rikonvenzjonanti fil-kontro-talba tagħha.

**79.** La darba l-Qorti wasslet għal konklużjoni li, skont id-dispost tas-sub-inċiż 3 tal-artikolu 1640, is-Soċjetá Konvenuta ma kellhiex raġuni tajba għaliex twaqqaf lis-Soċjetá Attriċi milli tkompli dak li qabbditha tagħmel, is-soċjetá attriċi għandha, skont id-dispost tas-subinċiż 2 tal-istess artikolu, titħallas tal-ispejjeż kollha u x-xogħol tagħha flimkien ma somma oħra li din il Qorti (jekk ikun il-każ) tqis li kien ikun il-qligħ li s-Soċjetá Attriċi kienet taqla' kieku temmet l-appalt.

**80.** Iżda peress li s-Soċjetá Attriċi ma talbietx għal dan id-dritt għal-somma ekwiparabbli għall-qliegħ li setgħet għamlet, il-Qorti sejra tikkonsidra biss id-dritt tas-Soċjetá Attriċi għal ħlas tal-ispejjeż kollha u x-xogħol tagħha skont dak mitlub minnha fir-rikors ġuramentat. Dan abbażi tal-prinċipju ben not fil-ġurisprudenza tagħna li "*Qorti għandha toqgħod fuq il-kawżali u t-talba dedotta u xejn iżjed (**Vol. XXXIX P I p 243**)*" (**Godwin Azzopardi v. Paul Azzopardi**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 31 ta' Jannar 2003**).

<u>Ħlas ta' bilanċ ta' kreditu dovut skont tlett fatturi markati Dok EM1 sa EM 3 (a' fol 7, 8 u 9)</u>

**81.** Is-Soċjetá Konvenuta tipprova tattakka l-validitá ta' dawn il-fatturi għal raġunijiet msemmija minn Bhassim Khoury fix-xhieda tiegħu a' fol 485C u mill-avukat Spanjol Gonzalo Boye a' fol 502, 540 faċċata 2 u 541.

**82.** Fin-nota tagħha a' fol 584, is-Soċjetá Attriċi twieġeb għal dan bis-segwenti:

"*wieħed irid joqgħod attent, kif jgħidu l-Ingliżi, not to miss the wood for the trees. Expo-Mayor, naturalment tibqa' ssostni illi l-fatturi nħarġu korrettement. Pero fl-aħħar mill-aħħar, fil-kuntest tat-talbiet li għandha quddiemha din il-Qorti, li jgħodd mhuwiex jekk il-fattura tirrispettax il-proċeduri tal-VAT jew le, jekk inħarġitx fil-ħin jew inħarġitx tard, jekk hix formalment korretta jew le. Li jgħodd huwa **jekk hux minnu illi twetqu***

***xogħlijiet li għadhom sallum ma tħallsux.*** *Filwaqt li mill-ġdid Expo-Mayor tisħaq illi hija ħarġet il-fatturi korretti, il-punt essenzjali huwa wieħed marbut ma' prezz ta' xogħlijiet. Kemm hu hekk, kreditur jista' joħroġ fattura fiskalment korretta għal ammont fantomatiku illi mhux dovut hekk kif, bl-istess mod, -e'istenza ta' debitu ma jiddependix minn inħarġitx fattura korretta għalih*".

**83.** Biex fattura titqies falza, trid tkun inħarġet frawdolentament għal xogħol li ma sarx u mhux għax fiha hemm xi żball jew nuqqas ta' informazzjoni. Joħroġ b'mod eżawrjenti u inkontestat kemm mix-xhieda sureferita u anke mis-Soċjetá Attriċi fin-nota tagħha li l-fatturi jirriflettu x-xogħol li ġie fil-fatt eżegwit mis-Soċjetá Attriċi (ara nota a' fol 585). Għaldaqstant bl-ebda mod ma jistgħu jissejħu foloz jew frawdolenti.

**84.** Skont l-ewwel fattura datata 8 ta' Novembru 2011 bin-numru 1534 is-soċjetá konvenuta għandha tħallas l-ammont ta' **€49,500** għal xogħol ta' panels installation. Fix-xhieda tiegħu Bhassim Khoury jgħid li minn dan l-ammont is-soċjetá Konvenuta ħallset €41,500 (a' fol 110). Bħala prova għal dan huwa jippreżenta payment sheet ossia żewġ payment sheets oħra (ara a' fol 339 , exhibit 6 fol 123 , 139 u 138) maħruġa minnha kontenenti elenku ta' ħlasijiet li suppost saru, kif ukoll numru ta' ċekkijiet li ħarġu fis-snin 2010 u 2011, ħafna minnhom qabel id-data tal-fattura msemmija.

**85.** Dawn id-dokumenti iżda ma jurux b'konvinzjoni li s-Soċjetá konvenuta ħallset l-ammont indikat fl-invoice numru 1534. Dan għaliex ma joffrux ċertezza lil Qorti li dawn il-ħlasijiet tassew saru a saldu tax-xogħol indikat fl-imsemmi invoice numru 1534 u mhux għal xogħolijiet oħra. Dan speċjalment meta jitqies li (a) s-Soċjetá Attriċi wettqet diversi xogħolijiet oħra għas-Soċjetá konvenuta barra dawk appaltati lilha bil-ftehimiet in kwistjoni u (b) s-Soċjetá Attriċi tinqeda bl-istess exhibit 6 biex tipprova li hija ħallset ukoll kważi l-ammont kollu tal-fattura numru 1535 (ara xhieda a' fol 109). Il-Qorti tqis għalhekk li dawn id-dokumenti ma jikkostitwixxux prova konkludenti u ma jikkonvincux li ġie fil-fatt imħallas l-ammont ta' €41,500 mill-ammont ta' €49,500 indikat fl-imsemmi invoice.

**86.** Fir-rigward tar-rimanenti €8,000 Bhassim Khoury jgħid li dawn kellhom jitħallsu malli jitlestew ix-xogħolijiet. Huwa jippreżenta ftehim datat ġurnata qabel il-fattura de quo (e-mail a' fol 141; ara wkoll fol 359) biex jipprova dan. Huwa jerġa jirreferi għal dan il-ftehim fix-xhieda tiegħu (a' fol 485C). Il-Qorti ma sabet xejn f'dan il-ftehim li jirrifletti dan jew li jindika li saru xi ħlasijiet għax-xogħol indikat fl-invoice. Fi kwalunkwe każ is-Soċjetá Attriċi bl-ebda mod ma tista tippretendi li dawn it-€8,000 ma jitħallsux għax ix-xogħolijiet ma tlestewx konsegwenza tad-deċiżjoni arbitrarja tas-Soċjetá Attriċi stess. Is-Soċjetá konvenuta hija intitolata u għandha dritt għall-ammont imsemmi mogħti bl-istess artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili.

**87.** Skont il-fattura markata Dok EM2 li ġġib in-numru 1535 u d-data tat-28 ta' Jannar 2012, is-soċjetá Konvenuta għandha tħallas l-ammont bilanċjali ta' **€26,143.20** mill-ammont globali ta' €74.283.20. Bhassim Khoury jgħid li huwa fil-fatt ħallas €73,340 minn dan l-ammont globali u jagħmel referenza għal exhibit 6 biex jipprova dan (a' fol 109). Għal raġunijiet ġia mogħtija il-Qorti tqis li dan l-exhibit 6 ma huwiex biżżejjed biex is-Soċjetá konvenuta tipprova dan il-ħlas skont l-obbligu mpost fuqha taħt l-artikolu 562 tal-Kap. 12. Bhassim Khoury jgħid ukoll li s-Soċjetá konvenuta ħallset żejjed lis-Soċjetá Attriċi billi l-ammont indikat fil-fattura DOK EM2 b'riżultat ta' diskrepanza fil-qisien. Il-Qorti ma sabet xejn fl-atti li b'xi mod jipprova dan u għalhekk din is-sottomisjoni ma tistax tiġi kkunsidrata.

**88.** Skont il-fattura markata Dok EM3 li ġġib in-numru 1536 u d-data 2 ta' Jannar 2012, is-Soċjetá Konvenuta għandha tħallas l-ammont ta' **€38,000** għal xogħolijiet addizzjonali. Bhassim Khoury jilqa' għal dan l-ammont b'raġunijiet indikati fil-paragrafu (c) a' fol 111 tal-affidavit tiegħu rigwardanti l-validitá tal-fattura ġia aċċennati supra. Dawn ir-raġunijiet ġia ġew ikkunsidrati bħala insostenibbli ladarba l-fattura inħarġet għal xogħol li fil-fatt sar mis-Soċjetá Attriċi.

**89.** Fix-xhieda tiegħu, is-Sur Bhassim jgħid li skont il-ftehim tas-7 ta' Novembru 2011 is-Soċjetá Attriċi kkonfermat li rċeviet minghand is-Soċjetá konvenuta l-€20,000 u l-€15,000 mill-ammont indikat fl-invoice in kwistjoni.

Dawn l-ammonti jirreferu għal "extra works" (a' fol 485B faccata 2 u fol 358). L-invoice in kwistjoni tirreferi għal "additional work" li fl-affidavit tiegħu para (c) ġie spjegat bħala "a variations invoice for delays" (a; fol 111). Il-Qorti ma hiex konvinta li dawn huma l-istess xogħolijiet u għalhekk se tqis l-ammont indikat fl-invoice numru 1536 bħala li għadu dovut.

<u>Ħlas ta' valur ta' materjal supplit u wżat fix-xogħolijiet skont dikjarazzjoni datata 12 ta' Awwissu 2013 maħruġa mis-Soċjetá Coat System SL markata Dok EM 4 (a' fol 10) fl-ammont ta' **€36,336.30**.</u>

**90.** Fil-paragrafu (d) tal-affidavit tiegħu is-Sur Bhassim jikkontesta dan l-ammont billi jgħid li ma ġiet preżentata l-ebda prova ta' bank transfer u għalhekk l-istess dokument ma jistax jitqies ġenwin (a' fol 111). Dan il-bank transfer ġiet sussegwentement preżentata mis-Soċjetá Attriċi (a' fol 241). Il-Qorti sejra tiskarta r-raġunijiet l-oħra mgħotija mis-Sur Bhassim fl-istess affidavit u fix-xhieda tiegħu a' fol 485C faċċata 2 kif ukoll mill-avukat Gonzalo Boye a' fol 403, 502, 541 u d-dokument BO6 preżentat minnu a' fol 435. Dan peress li dawn ir-raġunijiet ma jistgħux iwasslu għal konklużjoni li l-ħlas ma sarx.

**91.** Huwa veru li d-dikjarazzjoni ma tikkostitwix riċevuta, imma kif osservat min din il-**Qorti fil-kawża Raymond Bajada et vs Stanley Castillo datata 13 ta' Ottubru 2017** wara li applikat il-prinċipji legali insenjati fis-**sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tad-19 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet Johan Spiteri pro et noe vs Charlot Mifsud**, "*filwaqt li*

*ma hemm ebda dubbju proċeduralment li l-piż ta' prova tal-pagament tistrieħ fuq spallet id-debitur u li produzzjoni ta' riċevuta li tindika l-ħlas hija l-aħjar prova li jista' jkollu debitur biex jipprova li dan il-ħlas sar, huwa daqstant ieħor indubitat, li pagament jista' jiġi pruvat b'mezzi oħra*".

**92.** Kif sollevat mill-abbli difensur tas-Soċjetá Attriċi waqt il-kontro-eżami tas-Sur Bhassim a' fol 252, dan l-ammont dikjarat mis-Soċjetá Coat System SL ġie inkluż fil-ftehim tal-appalt datat 6 ta' Diċembru 2011. Magħdud ma dan, il-bank transfer jikkostitwixxi prova diretta li jwassal għal konvinċiment ta' din il-Qorti, fit-termini tal-prinċipji legali kwotati fis-Sentenza ċitata, li l-ħlas sar (a` fol 241).

**93.** Għaldaqstant il-Qorti sejra tqis l-ammont hemm dikjarat bħala dovut mis-Soċjetá konvenuta.

<u>Il-ħlas tal-makkinarju li tħalla fil-fabbrika tas-Soċjeta' konvenuta konsegwenza tat-tkeċċija arbitrarja tas-soċjetá Konvenuta.</u>

**94.** Fl-affidavit tiegħu s-sur Bhassim jgħid li l-makkinjaru ġie *shipped* lilu mis-Soċjetá konvenuta ( a' fol 110 u 111). Din il-verżjoni hija kontradetta mid-depożizzjoni ta' Pierre Paul Mangion, ex-impjegat tas-Soċjetá konvenuta stess, fejn qal li l-makkinarju ġie maħżun f'kamra imsejjħa 'drums room' u sussegwentement inġabret minn kumpanija bl-isem MJK mqabbda mis-sur Camille u li ftit wara ċempillu is-Sur Bhassim stess u qallu li din il-kumpanija infurmatu li l-makkinarju nsteraq u ntilef (ara xhieda a' fol

209 faċċata 2 u 210 u Dok BK 11 datata 19 ta' Awwissu 2013 u ffirmata mill-istess Pierre Paul Mangion a' fol 370).

**95.** Skont il-valur indikat f'Dok EM4 a' fol 11, dan l-ammont jeċċedi l-€45,000. Fl-affidavit tiegħu a' fol 111, is-sur Bhassim jgħid li dan l-ammont ġie ivvintat peress li is-Sur Camille kien għaraf bil-miktub li l-makkinarju jqum €15,000. Biex jipprova dan huwa jippreżenta e-mail a' fol 142 datata 9 ta' Mejju 2013 mibgħuta lilu mis-Sur Camille. Fiha s-sur Camille jiddikjara s-segwenti: "*You know that my tools cost me around €15,000 and I have lost them, on top I more than €1000 have paid for transportation and I have received empty boxes.*" Din l-email tikkostitwixxi prova biżżejjed biex turi li fil-fatt makkinarju ma jiswix iktar min €15,000. Dan jingħad ukoll fid-dawl tad-dikjarazzjoni tas-Sur Pierre Paul Mangion a' fol 370 li tinkludi lista ta' makkinarju ferm inqas min dik elenkata f'dok EM 5.

**96.** Għaldaqstant il-Qorti tqis li s-Soċjetá Attriċi hija intitolata għal ħlas ta' danni patrimonjali sofferti minnha ai termini tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili fl-ammont ta' **€16,000** konsistenti fl-ammont ta' €15,000 bħala valur tal-makkinarju mitluf u €1000 konsistenti fi spejjeż ta' transportation costs li saru inutilment minħabba li l-makkinarju intilef jew insteraq.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li s-Soċjeta' Konvenuta Pharmacare Premium Limited hija debitriċi tal-kumpanija Attriċi fis-somma ta' mija u disgħa u erbgħin elf disa' mija u disgħa u sebgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€149,979.50), konsistenti in kwanu għal €113,643.20 prezz ta' xogħlijiet li saru mis-Soċjeta' Attriċi fuq talba tas-Soċjeta' Konvenuta u €36,336.30 f'valur ta' materjal imħallas lil terzi mis-Soċjeta' Attriċi;

**Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lis-Soċjeta' Konvenuta tħallas is-somma totali msemmija ta' mija u disgħa u erbgħin elf disa' mija u disgħa u sebgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€149,979.50) bl-imgħax legali b'effett minn meta ġie presentant ir-rikors ġuramentat u cioe' mit-8 ta' Marzu 2017 sal-pagament effettiv;

**Tilqa' t-tielet talba** u tiddikjara illi s-Soċjeta' Konvenuta Pharmacare Premium Limited hija wkoll debitriċi f'somma ulterjuri illi tista' tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti fis-somma ta' sittax-il elf ewro (€16,000 ) liema somma tirrifletti l-valur ta' makkinarju illi s-Soċjeta' Attriċi tilfet minħabba inadempjenza tas-Soċjeta' Konvenuta;

**Tilqa' r-raba' talba** u tikkundanna lis-Soċjeta' Konvenuta tħallas is-somma ta' sittax-il elf ewro (€16,000) valur tal-imsemmi makkinarju bl-imgħax legali minn meta ġie presentat ir-rikors ġuramentat u cioe' mit-8 ta' Marzu 2017 sal-pagament effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tas-Soċjetá Konvenuta;

**Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonanti** tas-Soċjetá Konvenuta.

Spejjeż tal-kawża kwantu jirrigwarda r-rikors ġuramentat , inkluż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 154/2017 fl-istess ismijiet, għandhom ikunu sopportati kwantu għal erbgħa minn ħames partijiet (4/5) mis-Soċjeta' Konvenuta u kwantu għal parti waħda minn ħames partijiet (1/5) mis-Soċjeta' Attriċi. Spejjes kwantu jirrigwarda l-kontro-talba dawn għandhom kollha jkunu sopportati mis-Soċjeta' Konvenuta rikonvenzjonanti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**